

Brussell, 14 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12249/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0289(NLE)

ENER 434
ENV 853
COMPET 690
TRANS 575
CONSOM 220
IND 337
ECOFIN 850
FISC 180

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 473 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 473 final.

Mehmuż: COM(2022) 473 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2022
COM(2022) 473 final

2022/0289 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku laħqu livelli rekord fl-2022 u laħqu l-ogħla livelli li qatt kien hemm wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Matul l-aħħar sena, il-prezzijiet tal-elettriku fl-Ewropa għolew malajr għal livell ferm ogħla milli f'dawn l-aħħar deċennji. Din id-dinamika hija intrinsikament marbuta mal-prezz għoli tal-gass, li jżid il-prezz tal-elettriku prodott minn impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass, li spiss ikunu meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda. Il-prezzijiet bdew jogħlew b'mod rapidu fis-sajf li għadda meta l-ekonomija dinjija bdiet tirpilja wara li ttaffew ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Sussegwentement, l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja aggravat din is-sitwazzjoni.

Huwa mistenni li l-prezzijiet tal-enerġija se jibqgħu għoljin minħabba l-inċertezza fis-suq wara sensiela ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass li jistgħu jiġu spjegati biss bħala tentattiv intenzjonat mir-Russja li tuża l-enerġija bħala arma politika. Iktar interruzzjonijiet fil-provvisti tal-gass mir-Russja lill-UE fil-ġimgħat jew fix-xhur li ġejjin jistgħu jirriżultaw f'livelli saħansitra ogħla ta' prezzijiet tal-gass b'effetti indiretti għall-prezz tal-elettriku, il-livell ta' inflazzjoni u l-impatt tiegħu fuq iċ-ċittadini kif ukoll l-istabbiltà finanzjarja u makroekonomika kumplessiva tal-UE.

Il-Kummissjoni hija konxja ferm tal-impatt li l-inċertezza dwar il-provvista tal-gass qed tħalli fuq is-suq tal-elettriku. L-Istati Membri madwar l-Ewropa esperjenzaw żieda fil-prezzijiet tal-elettriku marbuta maż-żieda fil-prezzijiet tal-gass, li wasslet biex il-gass isir il-fjuwil li jiffissa l-prezz marġinali qabel il-faħam. Fl-istess ħin, id-disponibbiltà tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-UE f'dawn l-aħħar xhur kienet taħt il-livelli tas-soltu minħabba żieda fix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-impjanti tal-enerġija, output iktar baxx mill-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika, u l-għeluq ta' xi impjanti tal-enerġija qodma.

B'mod parallel, it-temperaturi rekord dan is-sajf għollew id-domanda għall-enerġija għat-tkessiħ u żiedu l-pressjoni fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku. Għaldaqstant il-kundizzjonijiet tat-temp estremi kkontribwew għall-iskarsezza tal-enerġija u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, li kkostitwixxu piż għall-konsumaturi u għall-industrija u xekklu l-irkupru ekonomiku. Pressjonijiet addizzjonali tal-provvista fuq il-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti primarji tal-ikel qed iwasslu għal pressjonijiet inflazzjonarji globali, u b'hekk qed inaqqsu l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u tal-ekonomija kollha kemm hi.

Iż-żieda drammatika fil-prezzijiet tal-elettriku li qed nosservaw qed tpoġġi pressjoni fuq l-unitajiet domestiċi, l-impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-industrija u qed tissogra li tikkawża ħsara soċjali u ekonomika usa'. Il-klijenti vulnerabbli u dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku huma dawk li ntlawqta l-iktar kif diġà kien il-każ fix-xitwa li għaddiet, iżda l-prezzijiet għoljin qed jaffettwaw dejjem iktar lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji b'introjtu medju. Hemm ir-riskju li ma jkunux jistgħu jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom u qed jiffaċċjaw l-għażla bejn li jħallsu għall-enerġija u oġġetti essenzjali oħra jew, fil-każ tan-negozji, qed jiġu pperikolati l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom stess u l-pjanijiet ta' investiment tagħhom.

Dan il-kuntest ekonomiku jeħtieġ rispons rapidu u kkoordinat madwar l-UE kollha biex jittaffew id-diffikultajiet li l-prezzijiet għoljin qed jikkawżaw għall-konsumaturi u, mhux biss għal dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku u għall-vulnerabbli, iżda anke l-unitajiet domestiċi u n-negozji b'introjtu medju. Il-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku żdiedu bħala medja kważi bin-nofs sena wara sena minn Lulju 2021 u huwa mistenni li ż-żidiet straordinarji se jkomplu sal-istaġun tat-tiġhin li ġej u gradwalment se jkollhom effett fuq il-biċċa l-kbira tal-kuntratti tal-konsumaturi. Ir-rispons tal-UE jeħtieġ li jiġi kkoordinat b'attenzjoni u b'mod olistiku. L-elettriku jrid jkompli jiċċirkola b'mod effiċjenti madwar l-Ewropa sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jesportaw is-surplus tal-elettriku lil dawk li l-iktar ikollhom bżonnu. Ir-rwol tas-suq intern tal-enerġija biex jgħin sabiex jittaffa l-impatt tal-kriżi attwali tal-enerġija ma jstax jiġi injorat. Il-valutazzjoni tal-ACER tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku bl-Ingrossa tal-UE¹ wriet li l-kummerċ transfruntier wassal EUR 34 biljun ta' benefiċċji lill-konsumaturi fl-2021 filwaqt li għen biex tittaffa l-volatilità tal-prezzijiet, u li jtejjeb is-sigurtà tal-provvista ta' kull Stat Membru u r-reżiljenza għax-xokkijiet fil-prezzijiet.

Għalhekk, l-Unjoni qed tiffaċċja sitwazzjoni straordinarja. L-isfidi attwali bla preċedent jitolbu li jiġu stabbiliti miżuri xierqa, proporzjonati u temporanji, li għandhom jittieħdu fi spirtu ta' solidarjetà, sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet serji li qed ifeġġu fil-qasam tal-enerġija u tingħeleb il-kriżi tal-enerġija billi nieħdu azzjoni flimkien.

Għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi pakkett ta' miżuri integrat u interdependenti li għandu jiġi introdott minnufih. Dawn il-miżuri għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jtaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku u li jipproteġu lill-konsumaturi, filwaqt li

1

https://acer.europa.eu/Official_documents/Acts_of_the_Agency/Publication/ACER's%2520Final%2520Assessment%2520of%2520the%2520EU%2520Wholesale%2520Electricity%2520Market%2520Design.pdf

jippreservaw il-benefiċċji tas-suq intern u l-kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni. Il-miżuri jgħinu biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi billi jindirizzaw aspetti differenti tas-sitwazzjoni attwali, u b'hekk jikkomplementaw u jsaħħu l-effetti ta' għom, u jippermettu rispons uniku u kkoordinat tal-UE għall-kriżi. Fl-istess ħin huma kompatibbli għalkollox mal-Komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2022, intitolata "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli", u mal-pjan REPowerEU tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 bl-għan li tintemm id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun, u mhux iktar tard mill-2027.

Il-prezzijiet tal-enerġija għoljin ħafna li attwalment qed jiffaċċjaw il-konsumaturi kulma jmur jiġġeneraw gwadanji finanzjarji kbar mhux biss għall-ġeneraturi tal-elettriku b'kostijiet marġinali iktar baxxi, iżda wkoll għall-kumpaniji fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji. Dawn il-gwadanji huwa primarjament dovuti għal fatturi favorevoli tas-suq estern ikkawżati mill-gwerra Russa u mhux mill-isforzi jew mill-investimenti addizzjonali tal-kumpaniji stess. Dawn il-prezzijiet għoljin tal-enerġija joħolqu diffikultajiet għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji tal-UE, iżidu l-inflazzjoni u l-miżuri ta' sostenn meħtieġa jżidu n-nefqa pubblika. Għalhekk, huwa opportun li titnaqqas id-domanda għall-elettriku madwar l-UE sabiex titnaqqas il-ħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku minn impjanti li jaħdmu bil-gass kif ukoll biex jiġi distribwit mill-ġdid fit-tliet mid-dħul tal-kumpaniji fis-setturi differenti tal-enerġija, bħala riżultat ta' dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, biex jittaffew id-diffikultajiet għall-konsumaturi tal-enerġija u għas-soċjetà inġenerali. Tali distribuzzjoni mill-ġdid tista' tinkiseb permezz ta' strumenti differenti, skont iċ-ċirkostanzi tas-settur, bl-iskop li dawn il-fondi jsiru disponibbli għall-konsumaturi jew proġetti biex tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-Unjoni inkluż il-possibbiltà li l-Istati Membri jidderieġu partijiet mill-kontribuzzjoni għall-fondi mill-Unjoni fl-ispirtu ta' solidarjetà jew jużawhom abbażi ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri.

Diversi Stati Membri diġà adottaw jew attwalment qed jikkunsidraw l-adozzjoni ta' miżuri ta' distribuzzjoni mill-ġdid. Madankollu, il-miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jissograw li joħolqu kundizzjonijiet mhux uniformi għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-enerġija tal-UE. Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi żewġ strumenti komplementari sabiex tkopri s-settur kollu tal-enerġija: (a) miżura li temporanjament tpoġġi fil-mira u tnaqqas id-dħul tal-produtturi tal-elettriku u (b) miżura li temporanjament tistabilixxi kontribuzzjoni ta' solidarjetà fuq is-surplus tal-profitti fis-settur tal-fjuwils fossili fil-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi tnaqqas id-

dħul tal-produtturi tal-elettriku, il-miżura proposta fir-Regolament timmira li tissimula l-eżitu tas-suq li l-produtturi setgħu jistennew li kieku l-ktajjen tal-provvista globali jiffunzjonaw b'mod normali, fin-nuqqas ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass li sehew mill-invażjoni tal-Ukrajna fi Frar 2022. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà li tapplika għall-profitti tan-negozji attivi fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji, li żdiedu b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-snin preċedenti.

L-Istati Membri se jużaw ir-rikavati mill-kontribuzzjoni ta' solidarjetà biex jipprovdu sostenn għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji u biex itaffu l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Jenħtieġ li jużaw ukoll ir-rikavati minn din il-miżura fuq terminu qasir biex jiffinanzjaw miżuri għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u jsostnu l-industriji, u b'hekk ikomplu jsaħħu l-awtonomija enerġetika tal-Unjoni fit-tul.

Dawn il-miżuri temporanji, li jiddistribwixxu mill-ġdid is-surplus tad-dħul u tal-profitti biex isostnu lill-konsumaturi, iwasslu l-benefiċċju ta' ġenerazzjoni tal-enerġija b'kost iktar baxx lill-konsumaturi. B'hekk, dawn huma mingħajr preġudizzju u komplementari għall-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-likwidità fis-swieq finanzjarji għall-enerġija, il-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet tal-UE, it-tnaqqis fil-prezz tal-gass kif ukoll id-disinn tas-suq fit-tul kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar Interventi fis-Suq tal-Enerġija fuq Terminu Qasir u Titjib fit-Tul għad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku li nħareġ flimkien mal-Pjan REPowerEU tat-18 ta' Mejju 2022. Ir-Regolament propost jippreserva l-benefiċċji tas-suq intern tal-elettriku f'termini ta' twassil tal-effiċjenza u s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li fl-istess ħin inaqqas id-domanda għall-elettriku u l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-gass fuq il-kontijiet tal-elettriku tal-konsumaturi.

2. GĦODDA GĦALL-EMERĠENZA TAL-ELETTRIKU

Tnaqqis fid-domanda għall-elettriku

B'rispons għar-riskju ikbar għax-xitwa li ġejja u l-ħtieġa li titnaqqas id-domanda kumplessiva għall-elettriku, li jiġu ppreservati l-istokkijiet tal-fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u li tittieħed azzjoni mmirata biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku fl-iktar sigħat għoljin, fi spirtu ta' solidarjetà, ir-Regolament propost jistabbilixxi żewġ miri ta' tnaqqis fid-domanda għall-elettriku.

L-ewwel waħda tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri biex inaqqsu l-konsum kumplessiv tal-elettriku mill-konsumaturi kollha, inkluż dawk li għadhom mhumiex

mgħammra b'sistemi ta' miters intelliġenti jew b'apparati li jippermettulhom jaġġustaw il-konsum tagħhom binhar. Il-miżuri jenħtieġ li jkunu ambizzjużi biżżejjed u jistgħu jinkludu, pereżempju, kampanji mmirati ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għall-konsumaturi. F'dan ir-rigward, tista' tiġi prevista applikazzjoni madwar l-Unjoni kollha għal informazzjoni mmirata lejn il-konsumaturi. Barra minn hekk, biex jiġu mmirati b'mod speċifiku s-sigħat l-iktar għoljin ta' konsum tal-elettriku meta l-gass ġeneralment jistabilixxi l-prezz marġinali, il-Kummissjoni tipproponi mira obligatorja ta' tnaqqis ta' mill-inqas 5 % fil-konsum gross tal-elettriku matul is-sigħat magħżula bl-ogħla prezz li jkopri mill-inqas 10 % tas-sigħat ta' kull xahar fejn huwa mistenni li l-prezzijiet ikunu l-ogħla. Din il-mira obligatorja tirriżulta b'ħala medja fl-għażla ta' tliet sigħat sa erba' sigħat kuljum mhux fi tmiem il-ġimgħa, li normalment jikkorrispondu għall-iktar sigħat intensivi, iżda jistgħu jinkludu wkoll sigħat fejn huwa mistenni li l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli tkun baxxa u l-ġenerazzjoni minn impjanti marġinali hija meħtieġa biex tkopri d-domanda. Sabiex jilqgħu għal dan, l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta jidentifikaw dawn is-sigħat. Il-mira vinkolanti tindirizza b'mod speċifiku lill-konsumaturi li jistgħu jipprovdu flessibilità permezz ta' tnaqqis tad-domanda jew offerti ta' bidliet fid-domanda fuq bażi ta' kull siegħa. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jagħżlu l-miżuri xierqa biex jiksbu l-miri tat-tnaqqis tad-domanda u b'mod partikolari għandhom jikkunsidraw miżuri ekonomikament effiċjenti u bbażati fuq is-suq bħal irkantijiet jew skemi ta' offerti għar-rispons fin-naħa tad-domanda jew l-elettriku mhux ikkonsmat. Dan jista' jinkludi l-espansjoni ta' skemi eżistenti jew inċentivi nazzjonali għall-iżvilupp ta' rispons fin-naħa tad-domanda. Dan jista' jinkludi wkoll inċentivi finanzjarji jew kumpens għall-partijiet parteċipanti tas-suq f'każijiet meta dan ikun elettriku addizzjonali mħallas u mhux ikkonsmat meta mqabbel mal-konsum normali mistenni fis-siegħa mingħajr l-offerta. L-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat.

Abbażi tal-ġenerazzjoni fis-siegħa osservata matul il-perjodu bejn Jannar u Awwissu 2022, tnaqqis ta' 5 % matul l-10 % tas-sigħat li juru l-ogħla livell ta' domanda għall-elettriku jwassal id-domanda medja matul dawn is-sigħat għal-livell tal-ewwel sigħat l-iktar intensivi mhux magħżula. Għalhekk, dan jirriżulta f'livellar tal-profil tal-konsum fis-siegħa. Barra minn hekk, peress li l-gass huwa ġeneralment it-teknoloġija marġinali matul is-sigħat bl-ogħla domanda, dan it-tnaqqis immirat ta' 5 % jista' jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-gass smat għal madwar 1.2 bcm fuq perjodu ta' erba' xhur. Dan jirrappreżenta madwar 3,8 % tal-

konsum tal-gass għall-enerġija matul l-istess perjodu. Studji reċenti² juru li l-potenzjal attwali tar-rispons fin-naħa tad-domanda jista' jissodisfa l-mira obbligatorja, b'impatt pożittiv fuq il-prezzijiet tal-elettriku u fuq il-volumi tal-iffrankar tal-gass.

Limitu massimu fuq id-dħul tas-suq għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn teknoloġiji inframarġinali

It-tieni nett, ir-Regolament propost jistabbilixxi approċċ għall-irkupru tad-dħul eċċessiv minn ġeneraturi b'kostijiet marġinali iktar baxxi bħall-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, u l-linjite ("teknoloġiji inframarġinali") billi jistabbilixxi limitu massimu *ex post* fuq id-dħul għal kull MWh ta' elettriku prodott.

Fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem, il-prezzijiet tal-elettriku jiġu ddeterminati mill-kost varjabbli tat-teknoloġija marġinali, jiġifieri l-aħħar impjant u l-iktar impjant għali li huwa meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda (ipprezzar marġinali). Fid-dawl tar-rwol li l-prezzijiet tal-elettriku fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem għandhom bħala referenza għall-ipprezzar tal-elettriku fil-perjodi ta' żmien l-oħra kollha tas-suq, din il-miżura tnaqqas l-impatt li t-teknoloġija tal-iffissar tal-marġnijiet (tipikament il-faħam, illum spiss l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass) għandha fuq id-dħul ta' ġeneraturi oħra b'kostijiet marġinali iktar baxxi bħall-biċċa l-kbira tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, u l-linjite. Il-miżura tissimula l-eżiti tas-suq għal dawn it-teknoloġiji li jistgħu jkunu mistennija meta l-ktajjen tal-provvista globali jiffunzjonaw b'mod normali u ma jkunux soġġetti għall-użu tal-enerġija bħala arma permezz ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass.

Permezz ta' dan l-approċċ mifrux mal-Unjoni kollha, ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà, is-swieq tal-elettriku bl-ingrossa jiffunzjonaw u jikklijaw kif jagħmlu llum, u b'hekk jiġi żgurat li l-irħas impjanti tal-enerġija u l-iktar effiċjenti madwar l-UE jintużaw dejjem l-ewwel, u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq l-importazzjonijiet meta jkun meħtieġ. Dan jippreserva l-inċentiv biex teknoloġiji bħal impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam u bil-gass, faċilitajiet tal-ħżin u r-rispons fin-naħa tad-domanda jkunu disponibbli biex jitħaddmu meta jkun meħtieġ, u b'hekk jiġi żgurat it-tħaddim stabbli tas-sistema tal-elettriku matul l-istaġun kollu tax-xitwa 2022-23.

Il-livell tal-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq

² Studju dwar il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tar-Rispons fin-naħa tad-Domanda (DR) għall-fornituri u l-konsumaturi tal-elettriku fl-Ewropa fl-2030 fi triqtha biex tikseb dekarbonizzazzjoni profonda, Compass Lexecon, Jannar 2021; Kontribuzzjoni potenzjali tal-Flessibbiltà tan-Naħa tad-Domanda għal tnaqqis tal-gass tal-2023, DNV, Settembru 2022.

Il-limitu massimu fuq id-dħul preskritt f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi stabbilit f'livell li jinkorpora l-maġġoranza tal-ġeneraturi inframarġinali fl-UE u li jevita li jipperikola d-disponibbiltà u l-profittabbiltà tal-impjanti eżistenti u d-deċiżjonijiet ta' investiment futur għal ġenerazzjoni inframarġinali ġdida.

Filwaqt li l-livelli massimi okkażjonali u fuq terminu qasir tal-prezzijiet jistgħu jitqiesu bħala karatteristika normali f'suq tal-elettriku u jistgħu jkunu utli għal xi investituri biex jirkupraw l-investiment fil-ġenerazzjoni tagħhom, iż-żieda estrema u dejjiema fil-prezzijiet minn Frar 2022 hija ferm differenti minn sitwazzjoni normali tas-suq ta' livelli massimi okkażjonali tal-prezzijiet jew fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet fuq terminu itwal b'rabta maċ-ċikli ekonomiċi.

Dan japplika b'mod partikolari għad-deċiżjonijiet ta' investiment għall-ġenerazzjoni minn sorsi rinnovabbli, li huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġi evitat li tiġi mminata l-valutazzjoni tal-profittabbiltà meta ttieħdu d-deċiżjonijiet ta' investiment, il-limitu massimu jenħtieġ li ma jiġix stabbilit inqas mill-aspettattivi tal-parteċipanti fis-suq fir-rigward tal-livell medju tal-prezzijiet tal-elettriku fis-siġhat bl-akbar domanda għall-elettriku qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-aspettattivi tal-prezz tas-suq medju għall-iktir siġhat intensivi kienu konsistentement u b'mod sinifikanti taħt l-EUR 180/MWh matul l-aħħar deċennji, minkejja d-differenzi fil-prezzijiet bejn ir-reġjuni fl-Unjoni. Barra minn hekk, simulazzjonijiet ibbażati fuq prezzijiet osservati minn Jannar sa Awwissu 2022 juru li limitu massimu stabbilit għal EUR 180/MWh kien jirriżulta fl-istabbilizzazzjoni tad-dħul medju ta' madwar EUR 150/MWh. Dan il-livell medju ta' dħul huwa konsistentement oġhla mill-kost livellat attwali tal-enerġija (LCOE) għat-teknoloġiji inframarġinali fil-mira tal-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dhul³, li jippermetti lill-produtturi li japplika għalihom biex ikopru l-investimenti u l-kostijiet operatorji tagħhom. Għaldaqstant, il-limitu massimu jenħtieġ li ma jfixkilx l-investiment f'kapaċitajiet inframarġinali ġodda. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-limitu massimu tad-dħul għal EUR 180/MWh, li jinkorpora l-marġni ta' sigurtà meħtieġ.

Tali limitu massimu jenħtieġ li jkun limitat għad-dħul tas-suq iktar milli jinkorpora d-dħul totali tal-ġenerazzjoni (inkluż pereżempju dak li jirriżulta minn skemi ta' sostenn), sabiex jiġi evitat impatt sinifikanti fuq il-profittabbiltà inizjali mistennija ta' proġett.

Limitu massimu uniformi fuq id-dħul madwar l-Unjoni hu meħtieġ biex jiġi ppreservat il-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku, għax dan iżomm kompetizzjoni bbażata fuq il-

³ Energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments: rapport finali, Trinomics, Ottubru 2020.

prezzijiet bejn il-produtturi tal-elettriku abbażi ta' teknoloġiji differenti, b'mod partikolari s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Peress li l-limitu massimu se japplika fuq id-dħul għal kull MWh ta' elettriku prodott, il-formazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tal-elettriku bl-ingrossa mhix se tiġi affettwata. L-użu tal-impjanti tal-enerġija se jkompli jsir abbażi tal-livell ta' effiċjenza tagħhom, fejn jintużaw l-ewwel dawk b'kostijiet marġinali iktar baxxi, u l-kummerċ transfruntier tal-elettriku mhux se jiġi affettwat.

L-Istati Membri se jkollhom bżonn jistabbilixxu proċeduri xierqa biex jirkupraw is-surplus tad-dħul mill-ġeneraturi, peress li l-limitu massimu fuq id-dħul jista' jiġi applikat fil-mument meta t-tranżazzjonijiet jiġu saldati jew wara, jekk dan ma jkunx possibbli. Dan jiddependi fuq id-differenzi fil-mod kif jiffunzjonaw is-swieq tal-elettriku bl-ingrossa f'perjodi ta' żmien differenti u kif huma organizzati fl-Istati Membri.

Ambitu tal-limitu massimu

Il-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq ikun japplika għad-dħul mill-bejgħ tal-elettriku għall-ġeneraturi inframarġinali kollha kif definit fir-Regolament u jkopri l-perjodi ta' żmien kollha tas-suq, irrispettivament minn jekk in-negozjar tal-elettriku jsirx b'mod bilaterali (barra l-Borża) jew fi swieq ċentralizzati. Li kieku l-limitu massimu kellu japplika biss għal ċerti perjodi ta' żmien jew għal skambji u swieq organizzati oħra biss, il-ġeneraturi inframarġinali jista' jkollhom inċentiv biex jinnegozjaw l-elettriku fil-perjodi ta' żmien u fis-swieq mhux koperti mill-miżura. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni wiesgħa proposta tal-limitu massimu fuq id-dħul tippreserva l-inċentivi biex jiġu konklużi ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija fit-tul, li huma kruċjali għall-konsumaturi biex jiħħeġġjaw kontra l-volatilità tal-prezzijiet u huma għodda importanti biex jiġu stimolati l-investimenti fit-teknoloġiji inframarġinali, speċjalment l-enerġija rinnovabbli. Peress li l-limitu massimu fuq id-dħul ma jinterferixxix mal-formazzjoni tal-prezzijiet, il-konsumaturi jkollhom interess li jikkonkludu ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija fit-tul li jippermettulhom jibbenefikaw direttament minn prezzijiet iktar baxxi minn dawk osservati fis-suq.

Il-limitu massimu fuq id-dħul se japplika għal kull MWh ta' elettriku prodott. Irrispettivament mill-forma kuntrattwali li fiha jista' jsir il-kummerċ tal-elettriku, il-limitu massimu jenħtieġ li japplika biss għad-dħul tas-suq realizzat. Dan huwa meħtieġ biex jiġi evitat li jiġu mmirati produtturi li effettivament ma jibbenefikawx mill-prezzijiet għoljin attwali tal-elettriku minħabba li jkunu hhegġjaw id-dħul tagħhom kontra l-fluttwazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa bi prezz taħt il-livell massimu. Għalhekk, sa fejn l-obbligi kuntrattwali eżistenti jew futuri, bħal ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli u tipi oħra ta' ftehimiet dwar ix-xiri

tal-enerġija jew ħeġġijiet bil-quddiem, iwasslu għal dħul tas-suq mill-produzzjoni tal-elettriku taħt il-limitu massimu, dawn ma jinqabdux mill-applikazzjoni tiegħu.

Definizzjoni ta' teknoloġiji inframarġinali rilevanti

Il-limitu massimu fuq id-dħul huwa applikabbli għad-dħul tas-suq mill-bejgħ tal-elettriku prodott minn teknoloġiji li l-kostijiet marġinali tagħhom ikunu iktar baxxi mil-limitu massimu, bħall-enerġija mir-riħ, l-enerġija mix-xemx, l-enerġija ġeotermika, l-enerġija nukleari, il-bijomassa, iż-żejt u prodotti relatati maż-żejt, installazzjonijiet idroelettriċi mingħajr ġibjuni, eċċ.

Madankollu, il-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq jenħtieġ li ma japplikax għat-teknoloġiji b'kostijiet tal-input tal-fjuwil li jwasslu għal livell ta' ekwilibriju oġhla mil-limitu massimu, peress li dan jipperikola lil dawn l-attivitajiet u, fl-aħħar mill-aħħar, lis-sigurtà tal-provvista. Dan huwa pereżempju l-każ ta' impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u bil-faħam. Mill-invażjoni tal-Ukrajna 'l hawn, il-prezzijiet tal-gass naturali u tal-faħam żdiedu drastikament⁴, u dan wassal għal prezz tal-ġenerazzjoni ta' ekwilibriju oġhla mil-livell tal-limitu massimu. Li kieku l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u bil-faħam ikunu soġġetti għal-limitu massimu fuq id-dħul, dawn ma jkunux jistgħu jkopru l-kostijiet operatorji tagħhom u ma jkunux jistgħu jkomplu bl-attività tagħhom.

F'konformità mal-objettivi tal-Komunikazzjoni dwar ir-REPowerEU, l-applikazzjoni tal-limitu massimu jenħtieġ li ma jxekklix l-inċentivi għal investimenti f'teknoloġiji ta' ġenerazzjoni flessibbli (eż. ir-rispons fin-naħa tad-domanda u t-tipi kollha ta' ħażniet), u l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi li jikkompetu direttament mal-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass naturali u bil-gass. Għaldaqstant, il-limitu massimu jenħtieġ li ma japplikax għall-impjanti tal-enerġija li jużaw il-bijometan.

Dan huwa meħtieġ sabiex jiġu ppreservati l-inċentivi għal dawn it-teknoloġiji u għal dawn it-tipi ta' ġenerazzjoni sabiex jitnaqqas il-konsum tal-gass, kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni dwar ir-RePowerEU.

Sabiex jiġu ppreservati l-inċentivi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, il-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li ma japplikax għal proġetti ta' dimostrazzjoni. Fil-prattika, dan diġà huwa normalment il-każ, peress li r-remunerazzjoni tal-proġetti ta' dimostrazzjoni tipikament tiġi stabbilita barra mis-suq (eż. dħul fiss permezz ta' tariffi garantiti).

⁴ Il-prezz tal-gass naturali żdied għal iktar minn EUR 200/MWh, u l-prezz tal-faħam żdied b'iktar minn EUR 300/MWh.

F'xi Stati Membri, id-dħul miksub minn xi ġeneraturi diġà huwa limitat permezz ta' miżuri tal-Istat. Għaldaqstant dawn il-ġeneraturi ma jibbenefikawx minn żieda fid-dħul li tirriżulta miż-żieda kbira reċenti fil-prezzijiet tal-elettriku. Għalhekk, il-produtturi eżistenti soġġetti għal dan it-tip ta' miżuri tal-Istat jenħtieġ li jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-limitu massimu.

Bil-ħsieb li jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv u tiġi żgurata applikazzjoni effiċjenti tal-miżura proposta, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jeskludu l-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku minn faċilitajiet b'kapaċità ta' inqas minn 20 kW mill-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul.

Distribuzzjoni mill-ġdid lill-klijenti finali

Is-surplus tad-dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-limitu massimu għandu jiġi dirett lill-klijenti finali tal-elettriku. Dan jinkludi x-xerrejja kollha tal-elettriku għall-konsum tagħhom stess. Fl-għażla tal-benefiċjarji tad-distribuzzjoni mill-ġdid, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw kemm jista' jkun lejn il-klijenti finali, kemm privati kif ukoll kummerċjali, li huma l-iktar esposti għall-prezzijiet għoljin tal-elettriku. Id-distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul kif stabbilit f'dan l-istrument hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u tal-Artikolu 108 tat-TFUE.

L-indirizzar tad-diffikultajiet iffaċċjati mill-konsumaturi

Finalment, din il-proposta fiha dispożizzjonijiet ewlenin biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw il-konsumaturi bħala riżultat tal-prezzijiet għoljin ħafna tal-enerġija. Il-kriżi attwali tirrappreżenta l-isfida li jiġi żgurat sostenn adegwat sabiex il-konsumaturi fl-unitajiet domestiċi jibqgħu jkollhom aċċess għall-enerġija meħtieġa, filwaqt li ma jiġix imminat l-inċentiv li tiġi ffrankata l-enerġija. Il-punt tat-tluq għall-azzjoni huwa r-rikonossiment sħiħ tar-riskju ta' diffikultajiet li qed jiffaċċjaw l-unitajiet domestiċi, inklużi l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u l-ħtieġa għal miżuri ta' sostenn fil-livell nazzjonali.

L-Istati Membri diġà stabbilew firxa wiesgħa ta' miżuri ta' sostenn, inkluż miżuri bbażati fuq is-Sett ta' Għodod. Dawn kienu jinkludu sostenn dirett għall-introjtu, tnaqqis fit-taxxi u fl-imposti, u roħs fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, kif ukoll miżuri li jsostnu l-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-post. L-Istati Membri intervjenew ukoll fl-iffissar tal-prezzijiet fil-provvista tal-elettriku — jiġifieri l-istabbiliment ta' prezzijiet regolati għall-konsumaturi finali.

Dawn l-għodod kollha se jibqgħu jkunu importanti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu dawk li huma l-iktar adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom. Kemm jista' jkun, is-sostenn għall-konsumaturi se jkun jeħtieġ ukoll is-sostenn għat-tnaqqis fid-domanda. Madankollu, huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li xi konsumaturi diġà jaf ikunu qrib il-livell essenzjali minimu ta' konsum meħtieġ biex jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tagħhom.

Il-Kummissjoni pprovdiet Gwida dwar l-applikazzjoni tal-intervent mill-Istat fl-iffissar tal-prezzijiet fil-Komunikazzjoni dwar ir-REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli⁵ fit-tfassil ta' interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi matul din il-kriżi attwali u jtejbju l-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi fuq terminu itwal. Madankollu, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 tali interventi fl-iffissar tal-prezzijiet jistgħu ma jkoprox impriżi żgħar u ta' daqs medju u ma jridux ikunu taħt il-kost.

Id-dritt tal-konsumaturi li jagħżlu l-fornitur tal-enerġija li joffrilhom l-aqwa prezz u servizz jinsab fil-qalba tas-suq intern tal-elettriku. Il-kompetizzjoni li rriżultat poġġiet pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet u żiedet l-għażla, peress li l-konsumaturi ma kellhomx għalfejn jiddependu iktar fuq il-monopolisti eżistenti. Il-kompetizzjoni u l-għażla tal-fornituri u tal-offerti se jkunu wkoll parti ewlenija mit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, peress li jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw mis-suq intern tal-elettriku u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni.

Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Interventi tas-Suq fuq Terminu Qasir u Titjib fit-Tul fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku, il-Kummissjoni tqis li jista' jkun aċċettabbli fil-kuntest attwali li l-irregolar tal-prezzijiet tiġi estiża għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Peress li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija ma tipprevedi l-ebda qafas speċifiku għal dawn il-konsumaturi, jekk l-Istati Membri jitħallew jestendu l-interventi fl-iffissar tal-prezzijiet fil-forma ta' prezzijiet regolati għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju matul din il-kriżi, dawn ikollhom għodda oħra għall-ġestjoni tal-impatt tagħha. Dan l-approċċ jirrifletti l-fatt li s-sitwazzjoni attwali tas-suq tal-enerġija bi prezzijiet għoljin u volatili tal-gass u tal-elettriku bl-ingrossa tista' tkun qed tirrestrinġi l-kompetizzjoni u tagħmel ħsara lill-klijenti fis-segment tal-SMEs. Madankollu, tali possibbiltà jenħtieġ li żżomm l-inċentiv li jitnaqqas il-konsum u b'hekk jiġi limitat għal 80 % tal-konsum storiku tagħhom.

⁵ COM(2022) 108 final

L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-elettriku li jkun taħt il-kost jistgħu jkunu mod kif xi Stati Membri jkunu jistgħu jtaffu direttament l-impatt tal-kriżi fuq il-konsumaturi. Madankollu, tali miżuri għandhom ukoll impatti sinifikanti fuq il-funzjonament tal-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut, fuq l-innovazzjoni, u fuq l-inċentiv biex titnaqqas id-domanda. Din hija r-raġuni għaliex, anke bħala miżura ta' emerġenza, jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn salvagwardji biex jiġi żgurat it-trattament nondiskriminatorju tal-fornituri u inċentiv għat-tnaqqis fid-domanda.

L-iżgurar li s-suq intern tal-elettriku jagħti lill-Istati Membri l-għodod u l-flessibbiltà meħtieġa biex jirrispondu għall-kriżi huwa parti kritika tas-solidarjetà meħtieġa. Madankollu, jekk jużawx dawn il-possibbiltajiet jew le jenħtieġ li tibqa' l-għażla tal-Istati Membri li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw l-effikaċja ta' tali miżuri, b'mod partikolari meta mqabbla ma' għodod oħra, u biex jabbinawhom mal-ħtieġa li s-sostenn jiġi mmirat fejn ikun meħtieġ l-iktar.

3. KONTRIBUZZJONI TA' SOLIDARJETÀ

Flimkien mal-kumpaniji li jiġġeneraw l-elettriku, anke is-settur tal-fjuwils fossili qed jibbenefika minn żidiet estremi fil-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-suq, u qed jiġġeneraw profitti li jmorru lil hinn mir-riżultat tal-attivitajiet kummerċjali tas-soltu. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-elettriku qed tpoġġi piż sinifikanti fuq l-awtoritajiet pubbliċi, il-konsumaturi u n-negozji bl-istess mod, u hija meħtieġa azzjoni biex jiġi evitat ir-riskju li l-prezzijiet jilhqqu livelli mhux sostenibbli, b'implikazzjonijiet soċjali u ekonomiċi ferm ikbar u potenzjalment ta' detriment. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu rispons kollettiv fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, il-mexxejja tal-UE u l-Kummissjoni identifikaw ħtieġa urġenti għal miżuri addizzjonali biex jittaffa l-impatt ta' dawn l-avvenimenti fuq iċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi tal-UE, u biex tiġi evitata kriżi saħansitra iktar akuta.

Sabiex jiġu sostnuti finanzjarjament il-miżuri li huma meħtieġa biex ikun hemm reazzjoni għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi attwali għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji, dawk li jiġġeneraw profitti eċċessivi jeħtieġ li jikkontribwixxu porzjon minnhom fl-ispirtu ta' solidarjetà.

Dan ir-Regolament jintroduċi kontribuzzjoni ta' solidarjetà għall-industrija tal-fjuwils fossili applikabbli fl-Istati Membri kollha. Din il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà hija miżura eċċezzjonali u temporanja xierqa għas-sitwazzjoni attwali li l-Istati Membri se jkunu qed jieħdu fi spirtu ta' solidarjetà biex itaffu l-effetti ekonomiċi diretti taż-żieda fil-prezzijiet tal-

enerġija għall-baġits tal-awtoritajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji madwar l-Unjoni.

L-introduzzjoni ta' kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà se tiżgura li dawn is-setturi jikkontribwixxu wkoll b'mod proporzjonat għall-profitti ġġenerati mis-sitwazzjoni ta' kriżi. Fl-istess ħin, it-tfassil tal-kontribuzzjoni se jiżgura li jkun hemm biżżejjed fondi disponibbli biex jiġu ffinanzjati l-investimenti meħtieġa għall-investment fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fit-teknoloġiji ġodda inkluż fil-livell tal-UE.

Għal dak l-għan, din il-proposta tistabbilixxi miżura li tikkonsisti minn kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà bbażata fuq is-surplus tal-profitti taxxabbli tas-sena fiskali 2022 ta' kumpaniji u ta' stabbilimenti permanenti attivi biss fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji, li tkun proporzjonata u xierqa għas-sitwazzjoni soċjoekonomika attwali. Il-kontribuzzjoni se tiffinanzja miżuri li jgħinu biex tittaffa l-kriżi attwali, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri. Il-miżura se tippermetti d-distribuzzjoni mill-ġdid tar-riżorsi u sostenn finanzjarju lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji biex jittaffew l-effetti tal-prezzijiet għoljin fit-tul tal-enerġija, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, jiġu sostnuti l-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija filwaqt li jiġu mmirati l-enerġiji rinnovabbli jew l-effiċjenza enerġetika, u tiġi żviluppata l-awtonomija enerġetika tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-interruzzjoni attwali fil-provvisti tal-gass u l-impatti li rriżultaw fuq il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku, id-domanda ogħla għall-enerġija li rriżultat minn temperaturi rekord tas-sajf, flimkien mad-disponibbiltà mnaqqsa ta' ċerti ġeneraturi tal-enerġija jikkonstitwixxu diffikultà serja fil-provvista ta' prodott speċifiku — f'dan il-każ l-enerġija. Il-miżura se tgħin biex tippreserva l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u biex tiżgura s-solidarjetà meħtieġa bejn l-Istati Membri. Id-distribuzzjoni tas-surplus tal-profitti kif stabbilit f'dan l-istrument hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

4. KONSISTENZA MAD-DISPOŻIZZJONIJIET EŻISTENTI FIL-QASAM TA' POLITIKA

L-istrument propost jistabbilixxi miżuri temporanji, proporzjonati u straordinarji. Dan jikkomplementa l-inizjattivi u l-leġiżlazzjoni rilevanti eżistenti tal-UE u jikkomplementa wkoll l-inizjattivi li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni biex twieġeb għall-kriżi attwali fis-swieq tal-enerġija. L-istrument jirriżulta loġikament minn inizjattivi eżistenti, bħas-Sett ta' Għodod

għall-Prezzijiet tal-Energija⁶⁷ adottat fit-13 ta' Ottubru 2021 u l-Pjan "REPowerEU" tat-18 ta' Mejju 2022, li fih lista ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex isostnu lill-konsumaturi u li jikkomplementaw l-inizjattiva "Insalvaw il-Gass għal Xitwa Sikura".

Barra minn hekk, l-elementi tat-tnaqqis fid-domanda tar-Regolament propost se jsostnu r-Regolament (UE) 2022/1032⁸ dwar il-Ħżin, li ġie adottat dan l-aħħar, billi jnaqqsu l-ħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku mill-gass, u b'hekk jgħinu lill-Istati Membri jippreservaw l-istokkijiet tal-gass miksuba permezz tal-obbligi tal-mili tal-ħżin u jissalvagwardjaw il-provvista għax-xitwa 2022-2023.

L-estensjoni tal-ambitu tal-interventi mill-Istat f'konformità mal-miżuri proposti fir-Regolament hija ġġustifikata mill-gravità tas-sitwazzjoni attwali fis-swieq tal-elettriku.

L-inizjattiva proposta twiegebb għaż-żieda fil-piż tal-prezzijiet bl-immnut li qed tinħass mill-konsumaturi kollha tal-elettriku u l-ħtieġa li titnaqqas id-domanda u jiġi ffrankat il-gass din ix-xitwa bħala riżultat tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Minħabba d-disinn tal-inizjattiva proposta, b'mod partikolari l-livell u n-natura temporanja tal-limitu massimu propost fuq id-dħul mis-suq għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn teknoloġiji inframarġinali, il-Kummissjoni tqis li l-proposta hija konsistenti mal-oġġettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

5. KONSISTENZA MA' POLITIKI OĦRA TAL-UNJONI

Il-proposta hija miżura straordinarja, li għandha tiġi applikata għal żmien limitat, li hija konsistenti ma' sett usa' ta' inizjattivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza enerġetika tal-Unjoni u biex jittaffa r-riskju jew l-impatt ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza possibbli. Il-proposta tippreserva l-funzjonament tas-suq intern u ma tikkompromettix l-integrità tiegħu, peress li s-swieq transfruntiera tal-enerġija li jiffunzjonaw huma kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' provvista. Filwaqt li tipprevedi tnaqqis iktar ikkoordinat fid-domanda għall-elettriku, tikkonforma wkoll mal-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni u ssegwi l-istess prinċipji u oġġettivi kif deskritti fl-inizjattiva "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura". Finalment, il-proposta hija konformi mal-prinċipji tal-protezzjoni

⁶ COM (2021) 660 final tat-13 ta' Ottubru 2021: L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u għas-sostenn

⁷ COM (2022) 236 final

⁸ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass, ĠU L 173/17 tat-30 ta' Ġunju 2022.

tal-konsumatur, bl-għan li jiġu żgurati prezzijiet tal-enerġija affordabbli għall-konsumaturi madwar l-UE.

6. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija l-Artikolu 122(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”).

L-interruzzjoni attwali fil-provvisti tal-gass u l-impatti li rriżultaw fuq il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku, u d-domanda ogħla għall-enerġija li rriżultat minn temperaturi rekord ta’ dan is-sajf, flimkien mad-disponibbiltà mnaqqa ta’ ċerti ġeneraturi tal-enerġija jikkostitwixxu diffikultà serja fil-provvista ta’ prodotti — f’dan il-każ tal-enerġija — skont l-Artikolu 122 tat-TFUE. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku qed tpoġġi piż sinifikanti fuq il-konsumaturi u n-negozji, u jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, hemm ir-riskju li jilħqu livelli mhux sostenibbli, li jista’ jkollhom implikazzjonijiet soċjali u ekonomiċi usa’ sinifikanti. Il-mexxejja tal-UE u l-Kummissjoni identifikaw il-ħtieġa urġenti għal miżuri addizzjonali biex itaffu l-impatt fuq iċ-ċittadini tal-UE u biex inkunu mħejjija aħjar għax-xitwa li ġejja.

Il-miżuri temporanji skont ir-Regolament propost jinkorporaw il-prinċipju tas-solidarjetà fil-qasam tal-enerġija u jippermettu lill-Istati Membri jkollhom approċċ ikkoordinat għall-protezzjoni tal-konsumaturi mingħajr ma jikkompromettu l-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku.

Bil-ħsieb li jiġu evitati distorsjonijiet sinifikanti fis-suq intern u fil-ktajjen tal-provvista, li potenzjalment jaċċentwaw ir-riskju għas-sigurtà tal-provvista għal din ix-xitwa, huwa kruċjali li l-Istati Membri kollha jaġixxu b’mod konġunt u fi spirtu ta’ solidarjetà malajr kemm jista’ jkun. L-Istati Membri kollha ġew affettwati b’mod negattiv mill-kriżi attwali, iżda mhux kollha huma ugwalment kapaċi finanzjarjament li jsostnu lill-konsumaturi. Dan jista’ jwassal għal sitwazzjoni li fiha xi Stati Membri jipprovdu sostenn lill-konsumaturi filwaqt li oħrajn jistgħu ma jkunux jistgħu jaffordjaw li jagħmlu dan jew jaf joqogħdu lura milli jintervjenu b’miżuri li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv is-suq intern tal-elettriku.

Sforz ikkoordinat biex titnaqqas id-domanda u jiġi ddistribwit mill-ġdid id-dħul eċċessiv lill-konsumaturi li qed jitħabtu huwa l-aqwa mod kif wieħed jista’ jindirizza l-isfidi qabel din ix-xitwa. Billi jikkoordinaw it-tnaqqis fid-domanda, jippreservaw il-kapaċità li jiġi importat l-elettriku meta jkun meħtieġ, u jużaw dħul eċċessiv biex isostnu lill-konsumaturi, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jipprovdu sostenn aħjar lill-konsumaturi u lin-negozji, u b’hekk

itaffu l-impatt tal-inflazzjoni fl-ekonomija kollha u jsaħħu r-reżiljenza tas-suq intern tal-UE. Hija meħtieġa wkoll azzjoni kkoordinata biex tikkontribwixxi għal solvenza aħjar għaċ-ċittadini u għan-negozji, sabiex b'hekk jittaffa l-impatt tal-inflazzjoni fuq l-ekonomija kollha tal-Unjoni. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jaqsmu l-piż u jikkontribwixxu għall-isforz konġunt ta' sostenn għall-klijenti biex jiġi evitat li jiġu mminat l-prinċipji tas-suq uniku.

Filwaqt li l-Istati Membri huma affettwati b'mod differenti mill-impatt tan-nuqqas ta' provvista tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom għal din il-miżura biex inaqqsu l-konsum tal-elettriku tagħhom bl-istess livell. Sforzi kkoordinati fil-livell tal-UE biex titnaqqas id-domanda għall-elettriku fl-UE kollha se jnaqqsu l-konsum kumplessiv tal-elettriku fl-Unjoni kollha, u dan se jwassal għal prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa iktar baxxi u għal prezzijiet sussegwenti iktar baxxi għall-konsumaturi. It-tnaqqis fid-domanda għall-elettriku matul l-iktar sigħat intensivi se jirriżulta wkoll fi ħtieġa mnaqqsa għal impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass peress li se jkun hemm inqas domanda kumplessiva għall-elettriku. Rispons ikkoordinat bħal dan se jisfrutta l-potenzjal tal-iffrankar tal-elettriku fl-UE, li ma jkunx possibbli bl-istess mod fin-nuqqas ta' azzjoni kkoordinata tal-Istati Membri kollha fil-livell tal-UE. L-Istati Membri kollha se jikkontribwixxu għall-isforz konġunt biex jitnaqqsu l-prezzijiet u biex jiġi evitati r-riskji għas-sigurtà tal-provvista. Ladarba fis-suq intern tal-elettriku s-sistemi tal-elettriku tal-Istati Membri huma integrati ħafna, il-miżura tista' tkun effettiva biss jekk l-Istati Membri kollha jagħtu sehemhom fit-tnaqqis tad-domanda.

Bl-istess mod, is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, permezz ta' limitu massimu uniformi fuq id-dħul tat-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni inframarġinali se tiġġenera dħul għall-Istati Membri biex jiffinanzjaw miżuri ta' sostenn għall-klijenti finali tal-elettriku, filwaqt li fl-istess ħin jippreservaw is-sinjali tal-prezzijiet fis-swieq madwar l-Ewropa, u jippreservaw il-kummerċ transfruntier. Għalhekk, se tiżgura li l-elettriku fl-Ewropa jkompli jiċċirkola fejn ikun meħtieġ l-iktar u li l-elettriku prodott bl-irħis jiġi esportat lejn l-Istati Membri fejn il-produzzjoni tal-elettriku tkun iktar għalja. Għalhekk, sforz ikkoordinat bħal dan mill-Istati Membri joħroġ fid-dieher il-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-Unjoni.

Barra minn hekk, din il-miżura hija kompatibbli mal-mod attwali ta' negozjar u ta' pprezzar tal-elettriku madwar l-Ewropa, u b'hekk tiżgura li n-negozjar u l-kondiviżjoni tal-enerġija jibqgħu intatti, li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jiddependu fuq il-ġirien tagħhom għall-importazzjonijiet u li dawk l-Istati Membri b'inqas ġenerazzjoni domestika u b'riżorsi

naturali limitati jkunu iktar protetti mir-riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista. Għaldaqstant huwa ġġustifikat li l-istrument propost jiġi bbażat fuq l-Artikolu 122(1) tat-TFUE.

Iż-żieda estrema fil-prezzijiet wasslet għal sitwazzjoni fejn mhux biss ħafna unitajiet domestiċi jiffaċċjaw sfida sinifikanti biex iħallsu l-kontijiet tagħhom, iżda tikkostitwixxi wkoll riskju serju għall-ekonomija. Peress li l-livell tal-problemi attwali ma ġiex antiċipat fil-qafas regolatorju attwali, għaldaqstant jixraq li jiġu permessi interventi mill-Istat fil-prezzijiet bl-immnut anke għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, interventi li jwasslu għal livelli ta' prezzijiet iktar baxxi mill-kostijiet tal-fornituri tal-enerġija kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-SMEs.

Madankollu, l-impatt tan-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku, kif ukoll il-possibiltajiet li jiġu ffinanzjati miżuri ta' sostenn mill-baġit tal-Istat ivarjaw bejn l-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, hemm effetti sproporzjonati tal-kriżi f'xi partijiet tal-Unjoni, fejn il-klijenti ma jkunux jistgħu jaċċessaw l-enerġija li jeħtieġu meta l-fornituri jirtiraw mis-suq. Fin-nuqqas tal-miżuri proposti, hemm riskju li l-Istati Membri bi spazju fiskali biss jista' jkollhom ir-riżorsi biex jiproteġu lil dawn il-klijenti u l-fornituri, u dan iwassal għal distorsjonijiet serji fis-suq intern. L-obbligu uniformi maħluq mir-Regolament propost biex id-dħul eċċessiv jingħadda lill-konsumaturi finali se jiżgura li, fil-prinċipju, l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jiproteġu lill-klijenti tagħhom u jużaw dawn ir-riżorsi addizzjonali għall-istess skop. L-effett pożittiv fuq il-prezzijiet tal-enerġija se jkollu impatt pożittiv fuq is-suq interkonness tal-UE u se jgħin ukoll biex titnaqqas ir-rata tal-inflazzjoni. Għalhekk, il-miżuri nazzjonali fl-ekonomija interkonnessa tal-Unjoni se jkollhom effett pożittiv ukoll fi Stati Membri oħra.

L-istabbiliment kollettiv, mill-Istati Membri, ta' kontribuzzjoni kkoordinata u temporanja ta' solidarjetà bbażata fuq is-surplus tal-profitti taxxabli tas-sena fiskali 2022 fuq il-kumpaniji u l-istabbilimenti permanenti tal-UE fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji fl-Unjoni rregolati minn qafas komuni huwa meħtieġ biex jgħin fil-protezzjoni tal-konsumaturi u tan-negozji miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija madwar l-Unjoni kollha filwaqt li jiġi ppreservat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u tiġi żgurata s-solidarjetà meħtieġa bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant huwa ġġustifikat li l-istrument propost jiġi bbażat fuq l-Artikolu 122(1) tat-TFUE. L-istabbiliment ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà jżid element ta' ġustizzja mal-pakkett ta' miżuri li għandhom jitnedew fil-kuntest tal-intervent ta' emerġenza fir-rigward tal-enerġija.

Għalhekk, din il-proposta tiżgura li l-Istati Membri kollha jikkoordinaw l-isforzi tagħhom. Dan jirrifletti l-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, li dan l-aħħar ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni⁹.

Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-miżuri ppjanati ta' din l-inizjattiva huma konformi għalkollox mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Minħabba l-inċertezza sinifikanti fis-suq tal-elettriku tal-Unjoni u l-prezzijiet għoljin straordinarji li jirriżultaw ikkawżati mill-użu tal-provvista tal-gass bħala arma mir-Russja, hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni. Huwa meħtieġ approċċ ikkoordinat permezz ta' tnaqqis fid-domanda għall-elettriku fl-Unjoni kollha, fl-ispirtu ta' solidarjetà, biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' interruzzjonijiet kbar potenzjali matul ix-xhur tax-xitwa meta l-konsum tal-elettriku u l-produzzjoni tal-elettriku mill-gass se jkunu ogħla.

Minħabba n-natura bla preċedent tal-kriżi tal-provvista tal-gass u r-rwol tal-gass bħala teknoloġija ewlenija biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-elettriku, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni rigward is-swieq tal-elettriku hija ġġustifikata wkoll. L-Istati Membri jridu jkunu jistgħu jiddependu fuq l-importazzjonijiet jekk u meta jkun meħtieġ din ix-xitwa, u dan jenfasizza l-importanza tas-suq intern tal-elettriku. L-enerġija għandha tkompli tiċċirkola madwar l-Ewropa sabiex jiġi evitat li kriżi ta' prezzijiet għoljin issir kriżi tas-sigurtà tal-provvista. Madankollu, din trid tkun affordabbli u l-effetti sproporzjonati fuq il-kontijiet tal-elettriku tal-konsumaturi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Sabiex jiġi ppreservat il-funzjonament tas-sistema tal-elettriku u l-kummerċ u l-investimenti transfruntiera, approċċ komuni biex jiġi limitat id-dħul għat-teknoloġiji inframarġinali huwa raġonevoli, xieraq u proporzjonat.

Fir-rigward tal-elettriku, din il-proposta tistabbilixxi r-riżultat finali li għandu jinkiseb mill-miżuri, fil-forma tal-istabbiliment ta' miżuri għat-tnaqqis fid-domanda u obbligi legalment vinkolanti rigward it-tnaqqis tal-enerġija meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu fl-ogħla livell tagħhom u l-limitazzjoni tad-dħul tat-teknoloġiji inframarġinali. Fl-istess ħin, lill-Istati Membri tagħtihom awtonomija sħiħa fl-għażla tal-iktar mezzi effettivi biex jissodisfaw dawn l-obbligi skont l-ispeċifitàjiet nazzjonali tagħhom u twessa' l-possibbiltà għall-Istati Membri li jintervjenu fl-irregolar tal-prezzijiet. B'mod iktar speċifiku:

- Fir-rigward tat-tnaqqis fid-domanda għall-elettriku, ir-Regolament propost jistabbilixxi miri vinkolanti li għandhom jintlaħqu filwaqt li lill-Istati Membri jħallilhom l-għażla tal-mezzi biex jilħqu dawk il-miri.

⁹ Is-Sentenza għall-Kawża C-848/19 P (Il-Ġermanja vs Il-Polonja).

- Fir-rigward tal-limitu massimu fuq id-dħul biex jiġi ffinanzjat is-sostenn għall-konsumaturi, ir-Regolament propost jistabbilixxi limitu massimu uniformi applikabbli fl-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri għad għandhom id-dritt li jintroduċu iktar limitazzjonijiet, diment li dawn ikunu proporzjonati, ma jfixklux il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku bl-ingrossa, jiżguraw li l-kostijiet tal-investiment ikunu koperti, ma jipperikolawx is-sinjali ta' investiment, u jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni. Is-surplus tad-dħul se jintuża biex isostni lill-konsumaturi, iżda l-Istati Membri se jkollhom awtonomija sħiħa fir-rigward tal-mezzi li bihom jiżguraw li s-surplus tad-dħul jasal għand il-konsumaturi.
- Fir-rigward tal-miżuri ta' intervent pubbliku fil-prezzijiet bl-immnut, ir-Regolament propost effettivament iwessa' l-ambitu tal-Istati Membri biex jieħdu tali miżuri meta mqabbel mal-qafas leġiżlattiv attwali fil-livell tal-Unjoni, li huwa konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Fir-rigward tal-miżura fis-settur tal-fjuwils fossili, il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà tindirizza l-isfida li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri kollha li attwalment qed tiġi indirizzata b'ħafna modi diversi b'qafas li jirregola kontribuzzjoni ta' solidarjetà fil-livell Ewropew. L-inizjattiva komuni fil-livell tal-Unjoni, li tikkonsisti mill-introduzzjoni obbligatorja ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà f'kull Stat Membru għal ċerti kumpaniji u stabbilimenti permanenti attivi b'mod predominanti fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji. Din il-problema ma tistax tiġi indirizzata b'mod xieraq mill-Istati Membri waħedhom.

Kontribuzzjoni ta' solidarjetà introdotta b'dan ir-Regolament se żżid id-dħul għall-baġit tal-Istati u tippermettilhom jiffinanzjaw miżuri mmirati biex itaffu l-piż tal-kostijiet għoljin tal-enerġija għall-konsumaturi, b'mod partikolari l-persuni u l-kumpaniji vulnerabbli. Madankollu, mhux kull Stat Membru introduċa tali miżuri, u l-kontenut tal-miżuri diġà adottati jvarja minn Stat Membru għal ieħor.

Għalhekk, kontribuzzjoni ta' solidarjetà obbligatorja fuq is-surplus tal-profitti rregolata minn qafas komuni tal-Unjoni se tiżgura biżżejjed kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni madwar l-Unjoni u sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha jistgħu jaħsdu r-rikavati minn tali surplus tal-profitti li jippermettulhom jindirizzaw aħjar l-avveniment eċċezzjonali ta' żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li jeħtieġ azzjoni urġenti fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, inizjattiva tal-UE tkun ta' valur miżjud, meta mqabbla ma' azzjonijiet individwali meħuda fil-livell nazzjonali.

Għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, il-miżura tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Proporzjonalità

L-inizjattiva tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fl-ambitu tal-Artikolu 122(1) ta' TFUE, l-intervent ta' politika huwa xieraq għas-sitwazzjoni ekonomika u proporzjonali għad-dimensjoni u għan-natura tal-problemi definiti u l-ksib tal-oġġettivi stabbiliti.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika bla preċedent u t-theddida sinifikanti għall-għajxien ta' ċittadini u għall-ekonomija tal-UE, hemm ħtieġa ċara għal azzjoni kkoordinata. L-isforzi kkoordinati biex jitnaqqas il-konsum kumplessiv tal-elettriku kif ukoll il-konsum tal-elettriku fl-iktar sigħat intensivi, biex jiġi stabbilit limitu massimu għad-dħul miksub mill-produtturi tal-elettriku inframarġinali u biex l-Istati Membri jingħataw iktar lok għal intervent pubbliku fl-iffissar tal-prezzijiet bl-imnut huma mezzi adattati biex titnaqqas il-prezzjoni 'l fuq eżistenti fuq il-prezzijiet tal-elettriku għad-detriment tal-konsumaturi. Fl-istess ħin, l-ebda miżura oħra inqas intrużiva ma tista' tiġi prevista li tilħaq dak l-oġġettiv b'mod daqstant effettiv.

Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi. Hija bbażata fuq bażi u rata ta' kalkolu, li jiżguraw li l-profitti jkunu parzjalment soġġetti għal tali kontribuzzjoni mingħajr ma jimpedixxu bla bżonn lill-kumpaniji tal-enerġija fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji milli jużaw tali surplus tal-profitti għal investiment futur jew għall-iżgurar tal-vijabbiltà tagħhom. Għalhekk, ir-rata proposta fir-Regolament hija limitata għal terz tas-surplus tal-profitti taxxabli, wara li jiġi applikat buffer mal-bażi għat-taxxa. Madankollu, u biex jiġi żgurat li ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri jiġu ssalvagwardjati, ir-rata proposta hija rata minima u l-Istati Membri jistgħu japplikaw rata oġġla f'każ li jqisu li dan ikun meħtieġ.

Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà hija wkoll ta' natura temporanja u hija limitata għas-surplus tal-profitti tas-sena fiskali 2022, u tiġi applikata biss għas-surplus tal-profitti tas-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji, filwaqt li jitqiesu l-profitti mhux mistennija miksuba bħala riżultat ta' ċirkostanzi imprevedibbli. Dawk l-Istati Membri li għandhom imposta jew taxxa domestika diġà fis-seħħ li taqbeż ir-rata proposta tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà, jistgħu jkomplu japplikaw ir-rata oġġla eżistenti biex ikopru l-ispeċifitàjiet nazzjonali li wassluhom biex jadottaw tali rata.

Għalhekk, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-istrument attwali. Il-miżuri proposti jitqiesu li huma proporzjonati u jibnu kemm jista' jkun fuq inizjattivi eżistenti, li ntlagħu mill-Istati Membri.

Għażla tal-istrument

Filwaqt li tqis l-iskala tal-kriżi tal-enerġija, il-potenzjal tal-impatti soċjali, ekonomiċi u finanzjarji tagħha u l-urġenza li dawn jittaffew, il-Kummissjoni tqis li jkun adattat li taġixxi permezz ta' Regolament li jkun ta' ambitu ġenerali u applikabbli direttament u minnufih. Dan jirriżulta f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni rapidu, uniformi u mifrux madwar l-Unjoni kollha.

7. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Minħabba n-natura politikament sensittiva tal-proposta u l-urġenza biex titħejja l-proposta ħalli tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx issir konsultazzjoni apposta mal-partijiet ikkonċernati.

Madankollu, il-Kummissjoni qed tippjana li tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati, u b'mod partikolari mal-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija, sabiex tiżgura li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tirnexxi.

Minħabba n-natura temporanja u urġenti tal-miżuri b'rispons għal sitwazzjoni ta' emerġenza, ma setgħetx titwettaq valutazzjoni tal-impatt.

Drittijiet fundamentali

Ma ġie identifikat l-ebda impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali. Il-miżuri skont dan l-istrument mhux se jaffettwaw id-drittijiet tal-klijenti li huma kategorizzati bħala protetti skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, inkluż il-klijenti domestiċi kollha. Barra minn hekk, il-limitu massimu fuq id-dħul u l-introduzzjoni ta' kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà fir-Regolament propost iqisu għalkollox il-ħtieġa li jiġu protetti l-aspettattivi leġittimi u l-investimenti eżistenti, u għalhekk mhux se jipperikolaw id-dritt tas-sjieda u tal-użu ta' beni akkwistati legalment. L-istrument se jippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu r-riskji assoċjati man-nuqqas ta' gass u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija li tirriżulta minnu, li inkella jkollhom implikazzjonijiet kbar fuq l-ekonomija u s-soċjetà. Billi jiġi żgurat li l-fornituri li huma meħtieġa jbigħu l-elettriku bi prezz taħt il-kost jiġu kkumpensati, qed jiġi żgurat li dawn il-persuni ma jiġux imċaħħda mid-drittijiet fundamentali tagħhom, għalkemm mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

8. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma teħtieġx riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

9. ELEMENTI OĦRA

Mhux rilevanti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Minn Settembru 2021 ġew osservati prezzijiet għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku. Kif stabbilit mill-ACER fil-valutazzjoni tagħha tad-disinn tas-suq tal-elettriku bl-ingrossa tal-UE f'April 2022¹⁰, dan huwa prinċipalment konsegwenza tal-prezz għoli tal-gass, li jintuża bħala input għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. L-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass naturali spiss ikunu meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda għall-elettriku meta d-domanda tkun fl-oġhla livell tagħha binhar jew meta l-volumi tal-elettriku ġġenerat minn teknoloġiji oħra bħall-enerġija nukleari, l-enerġija idroelettrika jew sorsi tal-enerġija rinnovabbli varjabbli ma jkunux biżżejjed biex ikopru d-domanda. L-eskalazzjoni tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, minn Frar 2022 wasslet għal tnaqqis sinifikanti fil-provvisti tal-gass. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkawżat ukoll inċertezza rigward il-provvista ta' prodotti primarji oħra, bħall-faħam u ż-żejt grezz, li jintużaw minn impjanti li jiġġeneraw l-enerġija. Dan irriżulta f'żidiet addizzjonali sostanzjali u f'volatilità fil-prezz tal-elettriku.
- (2) Il-livelli riċenti sostanzjalment iktar baxxi tal-forniment tal-gass u ż-żieda tal-interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass mir-Russja jindikaw li jeżisti riskju sinifikanti ta' waqfien totali tal-provvisti tal-gass mir-Russja fil-futur qarib. Sabiex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/1369¹¹ li jipprevedi tnaqqis volontarju tad-domanda għall-gass naturali bi 15 % din ix-xitwa u jagħti l-possibbiltà lill-Kunsill li jiddikjara allert tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-provvista, f'liema każ it-tnaqqis fid-domanda għall-gass isir obbligatorju.
- (3) B'mod parallel, it-temperaturi eċċezzjonalment għoljin osservati matul is-sajf tal-2022 żiedu d-domanda għall-elettriku għat-tkessiħ, u żiedu l-persjoni fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku filwaqt li, fl-istess ħin, il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn ċerti teknoloġiji kienet ferm taħt il-livelli storiċi minħabba ċirkostanzi tekniċi u li jiddependu mit-temp.

¹⁰

https://acer.europa.eu/Official_documents/Acts_of_the_Agency/Publication/ACER's%2520Final%2520Assessment%2520of%2520the%2520EU%2520Wholesale%2520Electricity%2520Market%2520Design.pdf

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

Dan huwa prinċipalment dovut għal nixfa eċċezzjonali li wasslet għal (i) nuqqas fil-produzzjoni tal-elettriku mill-impjanti tal-enerġija nukleari fi Stati Membri differenti kkawżat min-nuqqas ta' ilma disponibbli għat-tberrid, (ii) ġenerazzjoni skarsa tal-enerġija idroelettrika u (iii) livelli baxxi ta' ilma fix-xmajjar ewlenin li affettwaw b'mod avvers it-trasport tal-prodotti primarji li jintużaw bħala fjuwil tal-input għall-ġenerazzjoni. Din is-sitwazzjoni bla preċedent tfisser li l-volumi tal-elettriku ġġenerat mill-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass naturali baqgħu għoljin b'mod persistenti, u dan ikkontribwixxa għall-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa eċċezzjonalment u anormalment għoljin. Minkejja d-disponibbiltà mnaqqsa tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni f'xi Stati Membri, l-iskambji tal-elettriku bejn l-Istati Membri għenu biex jiġu evitati inċidenti ta' sigurtà tal-provvista u kkontribwew biex itaffu l-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq tal-UE, u b'hekk saħħew ir-reżiljenza ta' kull Stat Membru għax-xokkijiet fil-prezzijiet.

- (4) Iż-żieda fil-prezzijiet fis-swieq tal-elettriku bl-ingrossa wasslet għal żidiet drastiċi fil-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku, li huwa mistenni li se jkomplu sal-istaġun tat-tisħin li ġej u gradwalment se jkollhom effett fuq il-biċċa l-kbira tal-kuntratti tal-konsumaturi. Iż-żieda drastika fil-prezzijiet tal-gass u fid-domanda li tirriżulta minnha għal fjuwils alternattivi wasslet ukoll għal żieda fil-prezzijiet ta' prodotti primarji oħra bħall-prezzijiet taż-żejt u tal-faħam.
- (5) L-Istati Membri kollha ġew affettwati b'mod negattiv mill-kriżi attwali tal-enerġija, għalkemm b'mod differenti. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija qed tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-inflazzjoni ġenerali fiż-żona tal-euro u qed tnaqqas ir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni.
- (6) Għalhekk huwa meħtieġ rispons rapidu u kkoordinat. L-użu ta' għodda ta' emerġenza jippermetti l-mitigazzjoni, fuq bażi temporanja, tar-riskju li l-prezzijiet tal-elettriku u l-kost tal-elettriku għall-klijenti finali jilhqnu livelli saħansitra inqas sostenibbli u li l-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali mhux ikkoordinati, li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista fil-livell tal-Unjoni u jpoġġu piż addizzjonali fuq l-industrija u l-konsumaturi tal-Unjoni. Fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ sforz ikkoordinat mill-Istati Membri matul l-istaġun tax-xitwa 2022-23 li ġej biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jiġi żgurat li l-kriżi attwali ma twassalx għal ħsara dejjiema għall-konsumaturi u għall-ekonomija, filwaqt li tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (7) L-interruzzjonijiet attwali fil-provvisti tal-gass, id-disponibbiltà mnaqqsa ta' ċerti impjanti li jiġġeneraw l-enerġija, u l-impatti li jirriżultaw minnha fuq il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku, jikkostitwixxu diffikultà serja fil-provvista ta' prodotti tal-enerġija tal-gass u tal-elettriku skont it-tifsira tal-Artikolu 122(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Hemm riskju serju li s-sitwazzjoni tiddeterjora iktar fl-istaġun tax-xitwa li ġej f'każ ta' iktar interruzzjonijiet fil-provvisti tal-gass u ta' staġun kiesaħ tax-xitwa li jżid id-domanda għall-gass u għall-elettriku. Tali deterjorament ulterjuri jista' jwassal għal iktar pressjoni 'l fuq fuq il-prezz tal-gass u ta' prodotti primarji oħra tal-enerġija b'impatt konsegwenti fuq il-prezzijiet tal-elettriku.
- (8) Rispons konġunt u kkoordinat tajjeb fl-Unjoni kollha huwa meħtieġ biex tiġi indirizzata ż-żieda drastika fil-prezzijiet tal-elettriku u l-impatt tagħhom fuq l-unitajiet domestiċi u l-industrija. Miżuri nazzjonali mhux ikkoordinati jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista u jwasslu għal iktar żidiet fil-prezzijiet fl-iktar Stati Membri milquta mill-kriżi. Għalhekk, is-

salvagwardja tal-integrità tas-suq intern tal-elettriku hija kruċjali biex tiġi ppreservata u tissaħħaħ is-solidarjetà meħtieġa bejn l-Istati Membri.

- (9) Filwaqt li xi Stati Membri jaf ikunu iktar esposti għall-effetti ta' interruzzjoni tal-provvisti tal-gass mir-Russja u għaż-żidiet fil-prezzijiet li jirriżultaw minnha, l-Istati Membri kollha jistgħu jikkontribwixxu biex jillimitaw il-ħsara ekonomika kkawżata minn tali interruzzjoni permezz ta' miżuri xierqa għat-tnaqqis fid-domanda. It-tnaqqis fid-domanda għall-elettriku fil-livell nazzjonali jista' jkollu effett pożittiv għall-Unjoni kollha fuq il-prezzijiet tal-elettriku, peress li s-swieq tal-elettriku huma akkoppjati u b'hekk l-iffrankar fi Stat Membru wieħed ikun ta' benefiċċju wkoll għal Stati Membri oħra.
- (10) Limiti massimi mhux ikkoordinati fuq id-dħul mill-elettriku prodott minn ġeneraturi b'kostijiet marġinali iktar baxxi bħall-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, u l-linjite (ġeneraturi inframarġinali) jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet sinifikanti bejn il-ġeneraturi fl-Unjoni, peress li l-ġeneraturi jikkompetu madwar l-UE kollha f'suq tal-elettriku akkoppjat. Impenn favur limitu massimu konġunt għall-Unjoni kollha fuq is-surplus tad-dħul se jevita tali distorsjonijiet. Barra minn hekk, mhux l-Istati Membri kollha jistgħu jsostnu lill-konsumaturi bl-istess mod minħabba riżorsi finanzjarji limitati, filwaqt li fl-istess ħin, xi ġeneraturi tal-elettriku jaf ikomplu jgawdu minn surplus tad-dħul sinifikanti. Is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, permezz ta' limitu massimu uniformi fuq id-dħul tat-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni inframarġinali se tiġġenera dħul għall-Istati Membri biex jiffinanzjaw miżuri ta' sostenn għall-klijenti finali tal-elettriku, bħall-unitajiet domestiċi, l-SMEs u l-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija, filwaqt li fl-istess ħin jippreservaw is-sinjali tal-prezzijiet fis-swieq madwar l-Ewropa, u jippreservaw il-kummerċ transfruntier.
- (11) Fid-dawl taż-żieda estrema fil-prezzijiet bl-imnut tal-gass u tal-elettriku, l-interventi tal-Istat biex jipproteġu lill-konsumaturi bl-imnut huma ta' importanza partikolari. Madankollu, l-impatt tan-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku, kif ukoll il-possibiltajiet li jiġu ffinanzjati miżuri ta' sostenn mill-baġit tal-Istat ivarjaw bejn l-Istati Membri. Li kieku xi Stati Membri biss b'riżorsi suffiċjenti jistgħu jipproteġu lil dawn il-klijenti u l-fornituri, dan kieku iwassal għal distorsjonijiet serji fis-suq intern. Obbligu uniformi li s-surplus tad-dħul jingħadda lill-konsumaturi finali jippermetti lill-Istati Membri kollha jipproteġu lill-konsumaturi tagħhom. L-effett pożittiv fuq il-prezzijiet tal-enerġija se jkollu impatt pożittiv fuq is-suq interkonness tal-UE u se jgħin ukoll biex titnaqqas ir-rata tal-inflazzjoni. Għalhekk, fi spirtu ta' solidarjetà, il-miżuri nazzjonali fl-ekonomija interkonnessa tal-Unjoni se jkollhom effett pożittiv ukoll fi Stati Membri oħra.
- (12) Il-miżura li tikkonsisti fil-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għall-kumpaniji tal-fjuwils fossili b'attivitajiet fis-settur taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji hija miżura eċċezzjonali u strettament temporanja. Jidher xieraq fis-sitwazzjoni attwali li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jittaffew l-effetti ekonomiċi diretti taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għall-baġits tal-awtoritajiet pubbliċi, il-konsumaturi u l-kumpaniji madwar l-Unjoni.
- (13) Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà hija mezz xieraq biex jiġi indirizzat is-surplus tal-profitti, minħabba ċirkostanzi mhux previsti. Dawk il-profitti ma jikkorrispondux għal xi profitti regolari li dawn l-entitajiet kienu jew setgħu jistennew li jiksbu f'ċirkostanzi normali kieku ma nqalgħux l-avvenimenti imprevedibbli fis-swieq tal-enerġija. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà tikkostitwixxi miżura konġunta u kkoordinata li tippermetti, bi spirtu ta' solidarjetà, li jiġu ġġenerati rikavati

addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali biex jipprovdu sostenn finanzjarju lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji li huma affettwati ħafna mill-prezzijiet għoljin tal-enerġija filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni madwar l-Unjoni u s-suq intern. Din jenħtieġ li tiġi applikata b'mod paralleli mat-taxxi korporattivi regolari imposti minn kull Stat Membru fuq il-kumpaniji kkonċernati.

- (14) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fl-oqsma tal-politika tal-enerġija, il-miżuri jenħtieġ li jaħdmu bħala pakkett interdependenti, fejn isaħħu lil xulxin. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jsostnu lill-konsumaturi, b'mod immirat, mis-surplus tad-dħul li jinkiseb mil-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku inframarġinali, bit-tnaqqis tad-domanda għall-elettriku, li jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, u mir-rikavati miksuba minn kontribuzzjoni ta' solidarjetà imposta fuq il-kumpaniji tal-fjuwils fossili b'attivitajiet fis-settur taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tnaqqis tad-domanda jħalli effetti pożittivi fejn jidhul it-tnaqqis tar-riskji għas-sigurtà tal-provvista, f'konformità mal-oġettivi tad-Direttiva (UE) 2019/944.
- (15) Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jistinkaw biex inaqqsu l-konsum gross totali tal-elettriku tagħhom minn fost il-konsumaturi kollha inkluż dawk li għadhom mhumiex attrezzati b'sistemi ta' miters intelliġenti jew apparati li jippermettulhom jimmonitorjaw il-konsum tagħhom matul sigħat speċifiċi tal-ġurnata.
- (16) Sabiex jiġu ppreservati l-istokkijiet tal-fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u jiġu mmirati b'mod speċifiku l-aktar sigħat għoljin tal-konsum tal-elettriku, meta l-ġenerazzjoni tal-enerġija minn impjanti li jaħdmu bil-gass tkun tħalli impatt partikolarment sinifikanti fuq il-prezz marġinali, kull Stat Membru jenħtieġ li jnaqqas il-konsum gross tal-elettriku tiegħu matul is-sigħat bl-ogħla prezz identifikati.
- (17) Abbażi tal-profil tipiku tal-konsum tal-elettriku fl-iktar sigħat intensivi, mira vinkolanti ta' 5 % matul is-sigħat bl-ogħla prezz tiżgura li l-Istati Membri jindirizzaw b'mod aktar speċifiku lill-konsumaturi li jistgħu jipprovdu ċerta flessibilità permezz ta' offerti ta' tnaqqis tad-domanda abbażi ta' kull siegħa, inkluż permezz ta' aggregaturi. Għalhekk, tnaqqis attiv tad-domanda għall-elettriku ta' mill-inqas 5 % matul is-sigħat magħżula jenħtieġ li jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-gass u għal tqassim iktar faċli tad-domanda fis-sigħat kollha, b'impatt fuq il-prezzijiet tas-suq fis-siegħa.
- (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom id-diskrezzjoni li jagħżlu l-miżuri xierqa biex jiksbu l-miri tat-tnaqqis tad-domanda biex ikunu jistgħu jirriflettu l-ispeċifitajiet nazzjonali. Meta jkunu qed ifasslu l-miżuri tat-tnaqqis tad-domanda għall-elettriku, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk il-miżuri jsiru b'tali mod li ma jdgħajfux l-oġettivi tal-elettrifikazzjoni tal-Unjoni kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni "Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija". L-elettrifikazzjoni hija kruċjali biex tonqos id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili u tiġi żgurata l-awtonomija strateġika fit-tul tal-Unjoni Ewropea, għax din twassal biex titrażżan l-iskala ta' din il-kriżi tal-enerġija u tevita kriżi tal-enerġija futura. Fost il-miżuri biex jonqos il-konsum gross tal-elettriku jista' jkun hemm kampanji nazzjonali ta' għarfien, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni mmirata dwar is-sitwazzjoni prevista għas-sistema tal-elettriku, miżuri regolatorji li jillimitaw il-konsum tal-enerġija mhux essenzjali, u inċentivi mmirati biex jonqos il-konsum tal-elettriku.
- (19) Meta jidentifikaw miżuri xierqa tat-tnaqqis tad-domanda fis-sigħat bl-ogħla prezz, l-Istati Membri jenħtieġ li b'mod partikolari jikkunsidraw miżuri bbażati fuq is-suq bħal

irkantijiet jew skemi ta' offerti, li permezz tagħhom jistgħu jinċentivaw tnaqqis fil-konsum b'mod ekonomikament effiċjenti. Għall-effiċjenza u għal implimentazzjoni rapida, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-inizjattivi eżistenti u jwessgħu l-iskemi eżistenti biex jipprovdu rispons fin-naħa tad-domanda. Fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu fil-livell nazzjonali hemm ukoll inċentivi finanzjarji jew kumpens lill-parteciċipanti fis-suq affettwati jekk, appartati l-konsum normali mistenni, jinkiseb tnaqqis tanġibbli tad-domanda.

- (20) Sabiex tassisti u tipprovdi gwida lill-Istati Membri biex iwettqu t-tnaqqis meħtieġ fid-domanda stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki bejn l-Istati Membri.
- (21) Minħabba ż-żieda straordinarja u għal għarrieda fil-prezzijiet tal-elettriku u r-riskju imminenti ta' aktar żidiet, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu minnufih il-miżuri meħtieġa biex jiksibu tnaqqis fil-konsum gross tal-elettriku ħalli jiffaċilitaw it-tnaqqis rapidu fil-prezzijiet u jnaqqsu kemm jista' jkun l-użu tal-fjuwils fossili.
- (22) Fis-suq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem, l-ewwel ma jintużaw huma l-orħos impjanti tal-enerġija, iżda l-prezz li jirċievu l-parteciċipanti kollha fis-suq jistabbilixxu l-aħħar impjant meħtieġ biex ikopri d-domanda, jiġifieri dak bl-akbar kostijiet marġinali, meta s-suq jikklerja. Iż-żieda riċenti fil-prezz tal-gass u tal-faħam issarfet f'żieda eċċezzjonali u dejjiema fil-prezzijiet offruti mill-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u bil-faħam fis-suq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem. Dan imbagħad wassal għal prezzijiet eċċezzjonalment għoljin fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem madwar l-Unjoni, peress li dawn spiss ikunu l-impjanti bl-ikbar kostijiet marġinali meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda għall-elettriku.
- (23) Minħabba r-rwol tal-prezz fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem bħala referenza għall-prezz fi swieq oħra tal-elettriku bl-ingrossa, u l-fatt li l-parteciċipanti kollha fis-suq jirċievu l-prezz tal-ikklerjar, it-teknoloġiji b'kostijiet marġinali ferm aktar baxxi ilhom mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022 jirreġistraw b'mod konsistenti dħul għoli, ferm iżjed mill-aspettattivi tagħhom meta ddeċidew li jinvestu.
- (24) Meta l-konsumaturi jkun sposti għal prezzijiet estremament għoljin li jagħmlu ħsara wkoll lill-ekonomija tal-Unjoni, jeħtieġ li b'mod temporanju jiġi limitat id-dħul straordinarju tas-suq tal-produtturi b'kostijiet marġinali iktar baxxi, billi jiġi applikat limitu massimu għal dak id-dħul tas-suq miksub mill-bejgħ tal-elettriku fl-Unjoni.
- (25) Il-livell li fih il-limitu massimu fuq id-dħul jiġi stabbilit jenħtieġ li ma jipperikolax il-kapaċità li l-produtturi inkwistjoni, inkluż il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, jirkupraw l-investment u l-kostijiet operatorji tagħhom u jenħtieġ li jippreserva u jinċentiva investimenti futuri bil-kapaċità meħtieġa għal sistema tal-elettriku dekarbonizzata u affidabbli. Limitu massimu uniformi fuq id-dħul madwar l-Unjoni hu meħtieġ biex jiġi ppreservat il-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku, għax dan iżomm kompetizzjoni bbażata fuq il-prezzijiet bejn il-produtturi tal-elettriku abbażi ta' teknoloġiji differenti, b'mod partikolari s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.
- (26) Filwaqt li l-livelli massimi okkażjonali u għal terminu qasir jistgħu jitqiesu karatteristika normali f'suq tal-elettriku u jistgħu jkun utli għal xi investituri biex jirkupraw l-investment fil-ġenerazzjoni tagħhom, iż-żieda estrema u dejjiema fil-prezzijiet osservata minn Frar 2022 'l hawn hija ferm differenti minn sitwazzjoni normali tas-suq ta' livelli massimi okkażjonali tal-prezzijiet. Għalhekk, il-limitu massimu jenħtieġ li ma jiġix stabbilit inqas mill-aspettattivi raġonevoli tal-parteciċipanti fis-suq fir-rigward tal-livell medju tal-prezzijiet tal-elettriku fis-siġhat bl-akbar

domanda għall-elettriku qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Qabel Frar 2022, minkejja d-differenzi fil-prezzijiet tal-elettriku bejn ir-reġjuni fl-Unjoni, fl-aħħar deċennji l-prezzijiet għoljin medji fis-suq bl-ingrossa tal-elettriku kienu ferm u konsistentement mistennija inqas minn EUR 180 għal kull MWh madwar l-Unjoni. Peress li d-deċiżjoni ta' investiment inizjali tal-parteċipanti fis-suq ittieħdet abbażi ta' aspettattiva li, bħala medja, il-prezzijiet ikunu iktar baxxi minn dak il-livell matul l-iktar sigħat intensivi, l-iffissar ta' limitu massimu ta' EUR 180 għal kull MWh jikkostitwixxi livell ferm oġhla minn dawk l-aspettattivi inizjali tas-suq. Billi jitħalla marġni fuq il-prezz li l-investituri setgħu raġonevolment jistennew, jeħtieġ li jiġi żgurati li l-limitu massimu fuq id-dħul ma jmurx kontra l-valutazzjoni inizjali tal-profittabbiltà tal-investment.

- (27) Barra minn hekk, il-limitu massimu ta' EUR 180 għal kull MWh huwa konsistentement oġhla, inkluż marġni raġonevoli, mill-kost livellat tal-enerġija (LCOE) attwali għat-teknoloġiji ta' ġenerazzjoni rilevanti kollha, u dan jippermetti lill-produtturi li għalihom japplika jkopru l-investimenti u l-kostijiet operatorji tagħhom. Meta wieħed iqis li l-kalkolu magħżul f'din il-proposta jħalli marġni konsiderevoli bejn l-LCOE raġonevoli u l-limitu massimu fuq id-dħul, il-limitu massimu ma jistax ikun mistenni li jfjixkel l-investment f'kapaċitajiet inframarġinali ġodda.
- (28) Il-limitu massimu jenħtieġ li jiġi stabbilit fuq id-dħul tas-suq iktar milli fuq id-dħul totali tal-ġenerazzjoni (inkluż sorsi potenzjali oħra ta' dħul bħall-premium garantit), ħalli jkun evitat impatt sinifikanti fuq il-profittabbiltà mistennija inizjali ta' proġett. Irrispettivament mill-forma kuntrattwali ta' kif iseħħ il-kummerè tal-elettriku, il-limitu massimu jenħtieġ li japplika biss għad-dħul tas-suq realizzat. Dan hu meħtieġ biex tkun evitata ħsara lill-produtturi li effettivament mhumiex jibbenefikaw mill-prezzijiet għoljin attwali tal-elettriku għax ikunu hheggjaw id-dħul tagħhom kontra l-fluttwazzjonijiet fis-suq bl-ingrossa tal-elettriku. Għalhekk, sa fejn l-obbligi kuntrattwali eżistenti jew futuri, bħal ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli u tipi oħra ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija jew heggjiet bil-quddiem, iwasslu għal dħul tas-suq mill-produzzjoni tal-elettriku sal-livell tal-limitu massimu, dawn ma jinqabdux mill-applikazzjoni tiegħu.
- (29) Għaldaqstant, il-miżura li tintroduċi l-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li ma tiskoraġġix lill-parteċipanti fis-suq milli jidħlu fi ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli. Minħabba l-benefiċji diretti li jipprovdu lill-konsumaturi finali, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu jipromwovuhom, permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija, u l-prattiki deskritti fil-Kapitolu II tal-gwida fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (30) Limitu massimu uniformi fuq id-dħul madwar l-Unjoni hu meħtieġ biex jiġi ppreservat il-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku, għax dan iżomm kompetizzjoni bbażata fuq il-prezzijiet madwar l-Unjoni bejn il-produtturi tal-elettriku abbażi ta' teknoloġiji differenti, b'mod partikolari s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.
- (31) Filwaqt li l-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul taf tkun aktar effiċjenti meta t-tranżazzjonijiet jiġu saldati, din jaf ma tkunx dejjem possibbli, pereżempju minħabba differenzi fil-mod kif is-swieq tal-elettriku bl-ingrossa jiġu organizzati fl-Istati Membri u f'perjodi ta' żmien differenti. Biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul fil-livell nazzjonali, l-Istati

Membri jenħtieġ li jkollhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk japplikawhx waqt is-saldu tal-iskambju tal-elettriku jew inkella wara.

- (32) Peress li t-taħlita tal-ġenerazzjoni u l-istruttura tal-kostijiet tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri, jenħtieġ li dawn iżommu l-possibbiltà li jillimitaw aktar id-dħul tal-produtturi, diment li daww il-miżuri jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.
- (33) Il-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li japplika għal teknoloġiji b'kostijiet marġinali aktar baxxi mil-limitu massimu, bħal pereżempju l-enerġija mir-riħ, mix-xemx jew nukleari.
- (34) Il-limitu massimu jenħtieġ li ma japplikax għal teknoloġiji b'kostijiet marġinali għoljin fir-rigward tal-prezz tal-fjuwil tal-input meħtieġ għall-produzzjoni tal-elettriku, bħal impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u bil-faħam, għax il-kostijiet operatorji tagħhom ikunu ferm ogħla mil-livell tal-limitu massimu u l-applikazzjoni tiegħu tipperikola l-vijabbiltà ekonomika tagħhom. Biex jinżammu l-inċentivi għat-tnaqqis kumplessiv tal-konsum tal-gass, il-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li ma japplikax lanqas għat-teknoloġiji li jikkompetu direttament mal-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass biex joffru flessibbiltà lis-sistema tal-elettriku u joffru offerta fis-suq tal-elettriku abbażi tal-kostijiet tal-għażla tagħhom, bħar-rispons fin-naħa tad-domanda u l-ħżin.
- (35) Il-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li ma japplikax għat-teknoloġiji li bħala input jużaw fjuwils sostituti għall-gass naturali, bħall-bijometan, ħalli ma tiġix ipperikolata l-konverżjoni tal-impjanti tal-enerġija eżistenti li jaħdmu bil-gass f'konformità mal-obiettivi tar-REPowerEU.
- (36) Sabiex jiġu ppreservati l-inċentivi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, il-limitu massimu fuq id-dħul jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-proġetti ta' dimostrazzjoni.
- (37) F'xi Stati Membri, id-dħul miksub minn xi ġeneraturi diġà hu limitat b'xi miżuri tal-Istat, fosthom b'tariffi garantiti u b'kuntratti bidirezzjonali għad-differenza. Dawn il-ġeneraturi ma jibbenefikawx minn żieda fid-dħul minħabba ż-żieda qawwija riċenti fil-prezzijiet tal-elettriku. Għalhekk, il-produtturi eżistenti soġġetti għal dak it-tip ta' miżuri tal-Istat jenħtieġ li jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul. Kwalunkwe miżura ġdida jenħtieġ li tkun konformi mal-prinċipji tas-suq intern, ma għandhiex tillimita l-kummerċ transfruntier u ma għandhiex twassal għal żieda fil-konsum tal-gass.
- (38) Minħabba li bl-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul mhux l-Istati Membri kollha jistgħu jsostnu lill-klijenti finali tagħhom bl-istess mod minħabba ċirkostanzi relatati mad-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-elettriku minn pajjiżi oħra, jeħtieġ li l-Istati Membri b'importazzjonijiet netti tal-elettriku ta' 100 % jew iktar ikollhom aċċess għal ftehimiet biex jaqsmu s-surplus tad-dħul mal-pajjiż esportatur ewlieni fi spirtu ta' solidarjetà. Tali ftehimiet ta' solidarjetà huma mħeġġa wkoll, b'mod partikolari, biex jirriflettu r-relazzjonijiet kummerċjali żbilanċjati.
- (39) Il-prattiki kummerċjali u l-qafas regolatorju fis-settur tal-elettriku huma ferm differenti mis-settur tal-fjuwils fossili. Peress li l-limitu massimu għandu l-għan li jissimula l-eżitu tas-suq li l-produtturi setgħu jistennew li kieku l-ktajjen tal-provvista dinjin iffunzjonaw b'mod normali mingħajr interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass minn Frar 2022 'l hawn, jeħtieġ li l-miżura li tikkonċerna l-produtturi tal-elettriku tapplika għad-dħul li jirriżulta mill-ġenerazzjoni tal-elettriku. Min-naħa l-oħra, peress li l-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà timmira lejn il-profittabbiltà tal-imprezzi attivi

fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji li żdiedet b' mod sinifikanti meta mqabbla mas-snin preċedenti, jeħtieġ li din tapplika għall-profitti tagħhom.

- (40) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-surplus tad-dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-limitu massimu fil-qasam tal-elettriku jingħadda lill-klijenti finali tal-elettriku biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet eċċezzjonalment għoljin tal-elettriku. Is-surplus tad-dħul jenħtieġ li jiġi mmirat lejn il-klijenti, inkluż l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji, li huma partikolarment affettwati mill-prezzijiet għoljin tal-elettriku. Mingħajr il-miżuri proposti, hemm riskju li l-Istati Membri aktar sinjuri biss ikollhom ir-riżorsi biex jipproteġu lill-konsumaturi tagħhom, u dan iwassal għal distorsjonijiet serji fis-suq intern.
- (41) Id-dħul mil-limitu massimu se jgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw miżuri bħal trasferimenti tal-introjtu, roħs fil-kontijiet, kumpens lill-fornituri għal provvisti bi prezz orħos mill-kost, u investimenti li jiksbu tnaqqis strutturali fil-konsum, b' mod partikolari mill-elettriku ġġenerat mis-sorsi tal-fjuwils fossili. Meta jingħata sostenn lill-klijenti mhux domestiċi, dawn jenħtieġ li jaħdmu biex iwettqu investimenti f'teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni, inkluż f'enerġiji rinnovabbli, pereżempju bi ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija jew b'investimenti diretti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jew biex isiru investimenti fl-effiċjenza enerġetika.
- (42) L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku jikkostitwixxu, fil-prinċipju, miżura li tfixkel is-suq. Għaldaqstant, interventi bħal dawn jistgħu jsiru biss bħala obbligi ta' servizz pubbliku u huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi. Attwalment, skont id-Direttiva 944/2019/UE, il-prezzijiet jistgħu jiġu regolati għall-unitajiet domestiċi u għall-mikroimpriżi, filwaqt li għall-klijenti foqra u vulnerabbli tal-enerġija jistgħu jiġu regolati inqas mill-kost. Madankollu, minħabba ż-żieda eċċezzjonali attwali fil-prezzijiet tal-elettriku, is-sett tal-miżuri disponibbli għall-Istati Membri biex isostnu lill-konsumaturi jenħtieġ li jiġi estiż temporanjament, billi tingħata l-possibbiltà li l-prezzijiet regolati jiġu estiżi għall-SMEs u billi jitħallew isiru prezzijiet regolati inqas mill-kost. Estensjoni bħal din tista' tiġi ffinanzjata mil-limitu massimu fuq id-dħul.
- (43) Hu importanti li, meta jkunu inqas mill-kost, il-prezzijiet bl-impliment regolati ma jiddiskriminawx bejn il-fornituri jew jimponu kostijiet iġusti fuqhom. Għalhekk, il-fornituri jenħtieġ li jiġu kkompensati b' mod ġust għall-kostijiet li jġarrbu meta jfornu bi prezzijiet regolati, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat. Il-kost tal-prezzijiet regolati inqas mill-kostijiet jenħtieġ li jiffinanzjah id-dħul miksub mill-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul. Biex jiġi evitat li dawn il-miżuri jżidu d-domanda għall-elettriku, filwaqt li xorta waħda jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, il-prezzijiet regolati inqas mill-kostijiet jenħtieġ li jkunu jkopru biss ammont limitat ta' konsum.
- (44) Mingħajr ma biddlu b' mod sostanzjali l-istruttura tal-kost tagħhom u mingħajr ma żiedu l-investimenti tagħhom, il-kumpaniji tal-UE u l-istabbilimenti permanenti li jiġġeneraw mill-inqas 75 % tal-fatturat fis-settur taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji, kellhom żidiet fil-profitti tagħhom minħabba ċ-ċirkostanzi għal għarrieda u imprevedibbli tal-gwerra, tnaqqis fil-provvista tal-enerġija u żieda fid-domanda minħabba temperaturi għoljin rekord.
- (45) Il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjeta' jenħtieġ li taġixxi bħala miżura ta' distribuzzjoni mill-ġdid biex jiġi żgurat li l-kumpaniji kkonċernati li jkunu għamlu profitti żejda bħala riżultat ta' ċirkostanzi mhux mistennija, jikkontribwixxu b' mod proporzjonat għat-titjib tal-kriżi tal-enerġija fis-suq intern.

- (46) Il-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà huma l-profitti taxxabbli tal-kumpaniji u tal-istabbilimenti permanenti residenti fl-UE fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji kif determinat fit-trattati bilaterali jew fil-liġijiet tat-taxxa nazzjonali tal-Istati Membri għas-sena fiskali li tibda fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara. L-Istati Membri li jintaxxaw biss il-profitti korporattivi distribwiti jenħtieġ li japplikaw il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għall-profitti kkalkulati irrISPettivament mid-distribuzzjoni tagħhom. Is-sena fiskali hija ddeterminata b'referenza għar-regoli fis-seħħ skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.
- (47) Huma biss il-profitti fl-2022 li jaqbżu ż-żieda ta' 20 % tal-medja tal-profitti taxxabbli ġġenerati fit-tliet snin fiskali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara, li jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kontribuzzjoni ta' solidarjetà.
- (48) Dan l-approċċ jiżgura li parti mill-marġni ta' profitt, li mhijiex dovuta għall-iżviluppi imprevedibbli fis-swieq tal-enerġija wara l-gwerra illegali li għaddejja fl-Ukrajna, tkun tista' tintuża mill-kumpaniji u mill-istabbilimenti permanenti kkonċernati għal investiment futur jew biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tagħhom matul il-kriżi tal-enerġija li għaddejja attwalment inkluż għall-industrija intensiva fl-użu tal-enerġija. Dan l-approċċ għad-determinazzjoni tal-bażi tal-kalkolu jiżgura li l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà fi Stati Membri differenti tkun proporzjonata. Fl-istess ħin, dan l-approċċ li tiġi ffissata rata minima jiżgura li l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà tkun ġusta kif ukoll proporzjonata. L-Istati Membri jibqgħu liberi li japplikaw rata ogħla jekk ikunu diġà introduċew xi kontribuzzjoni ta' solidarjetà, imposta jew taxxa fuq is-surplus tal-profitti taxxabbli tal-impriżi tal-enerġija fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jaqbżu din ir-rata ta' 33 % qabel ma jidhul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. B'hekk dawn l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu r-rata ppreferuta tagħhom li jqisu aċċettabbli u xierqa skont is-sistemi legali nazzjonali tagħhom.
- (49) Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà jenħtieġ li tintuża għal (i) miżuri ta' sostenn finanzjarju lill-klijent tal-enerġija finali, u b'mod partikolari lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, sabiex jittaffew l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija; ii) miżuri ta' sostenn finanzjarju biex jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija; iii) miżuri ta' sostenn finanzjarju biex isostnu l-kumpaniji f'industriji intensivi fl-użu tal-enerġija; iv) miżuri ta' sostenn finanzjarju biex tiġi żviluppata l-awtonomija enerġetika tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jassenjaw sehem mir-rikavati tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għall-finanzjament komuni.
- (50) L-użu tar-rikavati għal dawk l-iskopijiet jirrifletti n-natura eċċezzjonali tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà bħala miżura maħsuba biex tnaqqas u ttaffi l-effetti dannużi tal-kriżi tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji madwar l-Unjoni bl-objettiv li tipproteġi s-Suq Uniku u tevita r-riskju ta' iktar frammentazzjoni. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jaffettwaw lill-Istati Membri kollha. Madankollu, minħabba d-differenzi fit-taħlita tal-enerġija, l-Istati Membri mhux kollha jintlaqtu bl-istess mod u mhux kollha għandhom l-istess spazju fiskali biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jipproteġu lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji vulnerabbli. Fin-nuqqas ta' miżura Ewropea bħal kontribuzzjoni ta' solidarjetà, hemm riskju għoli ta' tfixkil tas-Suq Uniku u frammentazzjoni ulterjuri, li tkun ta' detriment għall-Istati Membri kollha, minħabba l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija u tal-ktajjen tal-valur. Anki l-azzjonijiet li jindirizzaw il-faqar enerġetiku u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, b'mod partikolari biex jiġu protetti l-ħaddiema f'industriji esposti, huma kwistjoni ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fl-Unjoni. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tagħha, l-

użu tar-rikavati tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà jenħtieġ li jsir b'mod ikkoordinat u/jew permezz ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE fi spirtu ta' solidarjetà.

- (51) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw il-miżuri ta' sostenn finanzjarju għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji l-iktar vulnerabbli, li huma l-iktar affettwati miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. B'hekk jiġi ppreservat l-inċentiv tal-prezz li titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiġi ffrankata l-enerġija. Barra minn hekk, l-immirar lejn l-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli u limitati mil-likwidità jħalli effett pożittiv fuq il-konsum kumplessiv (għax jevita l-esklużjoni eċċessiva tal-infiq fuq l-oġġetti mhux tal-enerġija) peress li dan il-grupp ta' unitajiet domestiċi għandu propensità b'introjtu qawwi li jikkonsma. Barra minn hekk, ir-rikavati jenħtieġ li jintużaw għat-trawwim tat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li r-rikavati jintużaw, pereżempju, bl-iskop li jsiru rkantijiet jew skemi ta' offerti għat-tnaqqis tad-domanda, jonqsu l-kostijiet tax-xiri tal-enerġija tal-klijenti finali tal-enerġija għal ċerti volumi ta' konsum, jew jitħeġġu investimenti mill-klijenti finali tal-enerġija, mill-unitajiet domestiċi u mill-kumpaniji vulnerabbli, f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli, f'investimenti fl-effiċjenza enerġetika jew f'teknoloġiji oħra tad-dekarbonizzazzjoni. Ir-rikavati mill-kontribuzzjoni ta' solidarjetà jenħtieġ li jintużaw ukoll biex jingħata sostenn finanzjarju lill-kumpaniji fl-industriji intensivi fl-enerġija, u f'reġjuni li jiddependu fuq dawn l-industriji. Il-kostijiet fl-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija qed jogħlew ferm minħabba l-iżviluppi taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, pereżempju fl-industrija tal-fertilizzanti. Il-miżuri ta' sostenn finanzjarju għandhom isiru bil-kundizzjoni li jsiru investimenti fl-enerġija rinnovabbli, fl-effiċjenza enerġetika, jew f'teknoloġiji oħra ta' dekarbonizzazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu sostnuti b'investimenti wkoll miżuri li jgħinu lill-Unjoni ssir aktar awtonoma fil-qasam tal-enerġija, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-REPowerEU, b'mod partikolari bi proġetti b'dimensjoni transfruntiera.
- (52) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jassenjaw parti mir-rikavati tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għall-finanzjament komuni ta' miżuri maħsuba biex inaqqsu l-effetti dannużi tal-kriżi tal-enerġija, inkluż sostenn li jipproteġi l-impjiegi, u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, jew maħsuba biex jippromwovu investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli, inkluż fi proġetti transfruntieri. L-aspett ta' finanzjament komuni jkopri kemm il-kondiviżjoni tal-kostijiet ibbażata fuq il-proġetti bejn l-Istati Membri u d-direzzjoni permezz ta' strument tal-UE abbażi ta' Stati Membri li volontarjament jassenjaw id-dħul għall-baġit tal-UE fi spirtu ta' solidarjetà.
- (53) Monitoraġġ u rapportar regolari u effettivi lill-Kummissjoni huma essenzjali għall-valutazzjoni tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri fil-ksib tal-miri tat-tnaqqis fid-domanda, l-implimentazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul, l-użu tas-surplus tad-dħul, u l-applikazzjoni ta' prezzijiet irregolati.
- (54) Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà fit-territorji rispettivi tagħhom, kif ukoll dwar kwalunkwe emenda li jagħmlu għal tali kontribuzzjoni.
- (55) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw ukoll dwar l-użu tar-rikavati mill-kontribuzzjoni ta' solidarjetà. B'mod partikolari, dan biex jiżgura li l-Istati Membri jużaw ir-rikavati f'konformità mal-użu previst f'dan ir-Regolament.
- (56) Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà u l-qafas legali tal-UE li jirregolaha jenħtieġ li jkunu ta' natura temporanja biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni eċċezzjonali u urġenti li feġġet fl-Unjoni b'rabta mal-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà

jenħtieġ li tkun applikabbli biex tkopri s-surplus tal-profitti ġġenerati fl-2022 ħalli jiġu indirizzati u jittaffew l-effetti dannużi tal-kriżi attwali tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji. L-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għas-sena tat-taxxa sħiħa se tippermetti l-użu tal-profitti eċċessivi għall-perjodu rilevanti, fl-interess pubbliku li jittaffew il-konsegwenzi tal-kriżijiet tal-enerġija, filwaqt li titħalla parti xierqa tal-profitti għall-kumpaniji kkonċernati.

- (57) Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà jenħtieġ li tapplika biss għas-sena fiskali 2022. Sal-15 ta' Ottubru 2023, meta l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom opinjoni dwar il-ġbir tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà, il-Kummissjoni se tirrieżamina s-sitwazzjoni u tippreżenta rapport lill-Kunsill.
- (58) Jekk Stat Membru jesperjenza diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-Regolament u, b'mod partikolari, tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà, dan jenħtieġ li jikkonsulta, fejn xieraq, lill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (59) Il-volatilità fil-prezzijiet tal-gass sottostanti qed toħloq diffikultajiet għad-ditti tal-enerġija attivi fis-swieq tal-futuri tal-elettriku, b'mod partikolari biex jaċċessaw kollateral adattat. Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Bankarja Ewropea, qed tivvaluta kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà tal-kollateral u l-marġnijiet, u modi possibbli biex tiġi limitata l-volatilità eċċessiva fl-istess jum.
- (60) Barra minn hekk, il-miżuri f'dan ir-Regolament huma konsistenti mal-ħidma komplementari u kontinwa tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonċerna d-disinn tas-suq fit-tul kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar l-Interventi tas-Suq tal-Enerġija fuq Termini Qasir u t-Titjib fit-Tul fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku li nħarġet flimkien mal-Pjan REPowerEU tat-18 ta' Mejju 2022.
- (61) Meta jitqiesu l-iskala tal-kriżi tal-enerġija, il-livell tal-impatt soċjali, ekonomiku u finanzjarju tagħha, u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni minnufih, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (62) Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u l-ħtieġa li jiġu applikati b'mod partikolari tul l-istaġun tax-xitwa 2022-23, ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal perjodu ta' sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (63) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġġettiv.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi intervent ta' emerġenza biex jittaffew l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija permezz ta' miżuri eċċezzjonali, immirati u limitati fiż-żmien. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-elettriku, li jillimitaw id-dħul tas-suq li ċerti produtturi jirċievu mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u jgassmuh mill-ġdid lill-klijenti finali b'mod immirat, biex jippermettu lill-Istati Membri japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi u għall-imprezzi żgħar u ta' daqs medju, u biex jistabbilixxu regoli għal kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għall-kumpaniji u għall-istabbilimenti permanenti tal-UE b'attivitajiet predominanti fis-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji biex jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943. Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “imprezza żgħira u ta' daqs medju” tfisser imprezza kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE¹²;
- (2) “konsum gross tal-elettriku” tfisser il-provvista kumplessiva tal-elettriku għall-attivitajiet fit-territorju ta' Stat Membru;
- (3) “perjodu ta' referenza” tfisser il-perjodu mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu fil-ħames snin konsekuttivi ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li jibda bil-perjodu mill-1 ta' Novembru 2017 sal-31 ta' Marzu 2018;
- (4) “sigħat bl-ogħla prezz” tfisser is-sigħat tal-jum fejn huwa mistenni li l-prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem ikunu l-ogħla, abbażi ta' previżjonijiet mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u mill-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku;
- (5) “dħul tas-suq” tfisser introjtu realizzat li produttur jirċievi bi skambju għall-bejgħ u l-konsenja tal-elettriku fl-Unjoni, irrispettivament mill-forma kuntrattwali kif isir dan l-iskambju, inkluż ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u operazzjonijiet oħra ta' ħħeġġjar kontra l-fluttwazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa u bl-esklużjoni tas-sostenn mogħti mill-Istat;
- (6) “saldu” tfisser pagament li jsir u jiġi riċevut bejn il-kontropartijiet, mal-konsenja u l-wasla tal-elettriku meta applikabbli, biex jitwettqu l-obbligi rispettivi tal-kontropartijiet skont tranżazzjoni tal-ikklerjar waħda jew aktar;
- (7) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2019/941;

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' imprezzi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.05.2003, p. 36).

- (8) “surplus tad-dħul” tfisser differenza pożittiva bejn id-dħul tas-suq tal-produtturi għal kull MWh ta’ elettriku u l-limitu massimu ta’ EUR 180 għal kull MWh ta’ elettriku;
- (9) “skart” tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jiskarta jew biħsiebu jew huwa meħtieġ li jiskarta kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (10) “importazzjonijiet netti tal-elettriku” tfisser, għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2021, id-differenza bejn l-importazzjonijiet totali tal-elettriku u l-esportazzjonijiet totali tal-elettriku diviża bil-produzzjoni grossa totali tal-elettriku fi Stat Membru;
- (11) “sena fiskali” tfisser sena tat-taxxa, sena kalendarja jew xi perjodu xieraq ieħor għall-iskopijiet ta’ taxxa kif definit fil-liġi nazzjonali;
- (12) “klijent” tfisser klijent bl-ingrossa jew finali;
- (13) “klijent finali tal-enerġija” tfisser klijent li jixtri l-enerġija għall-użu proprju;
- (14) “klijent finali tal-elettriku” tfisser klijent li jixtri l-elettriku għall-użu proprju;
- (15) “skema ta’ sostenn” tfisser strument, skema jew mekkaniżmu applikat minn Stat Membru, jew grupp ta’ Stati Membri, li jipromwovi l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;
- (16) “garanzija tal-oriġini” tfisser dokument elettroniku li jipprovdi evidenza lil klijent finali li xi parti jew kwantità partikolari tal-enerġija għet iġġenerata minn sorsi rinnovabbli;
- (17) “attivitajiet fil-qasam tas-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffinerija” tfisser kull attività ekonomika mwettqa minn kumpanija jew minn stabbiliment permanenti tal-UE li tiġġenera mill-inqas 75 % tal-fatturat fil-qasam tal-estrazzjoni, tal-minjieri, tar-raffinar taż-żejt mhux raffinat jew tal-manifattura ta’ prodotti tal-forn tal-kokk;
- (18) “kumpanija tal-UE” tfisser kumpanija ta’ Stat Membru li skont il-liġijiet tat-taxxa ta’ dak l-Istat Membru titqies bħala residenti f’dak l-Istat Membru għal skopijiet ta’ taxxa u, skont it-termini ta’ ftehim dwar it-tassazzjoni doppja konkluż ma’ Stat terz, ma titqiesx bħala residenti barra mill-Unjoni għal skopijiet ta’ taxxa;
- (19) “stabbiliment permanenti” tfisser post fiss tan-negozju li jinsab fi Stat Membru li minnu n-negozju ta’ kumpanija ta’ Stat ieħor iseħħ kompletament jew parzjalment sa fejn il-qligħ ta’ dak il-post ta’ negozju jkun suġġett għat-taxxa fl-Istat Membru li fih jinsab permezz ta’ trattat bilaterali dwar it-taxxa rilevanti jew, fin-nuqqas ta’ trattat bħal dan, permezz tal-liġi nazzjonali;
- (20) “surplus tal-profitti” tfisser profitti taxxabbli akkumulati minn attivitajiet imwettqa fil-livell ta’ kumpaniji jew stabbilimenti permanenti fil-qasam tas-settur taż-żejt, il-gass, il-faħam u r-raffineriji ’l fuq minn żieda ta’ 20 % tal-medja tal-profitti tat-tliet snin tat-taxxa preċedenti;
- (21) “kontribuzzjoni ta’ solidarjeta” tfisser miżura temporanja maħsuba biex tindirizza s-surplus tal-profitti ta’ kumpaniji u ta’ stabbilimenti permanenti tal-UE b’attivitajiet fil-qasam tas-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji biex jittaffew l-iżviluppi eċċezzjonali tal-prezzijiet fis-swieq tal-enerġija għall-Istati Membri, għall-konsumaturi u għall-kumpaniji.

KAPITOLU II

MIŻURI B'RABTA MAS-SUQ TAL-ELETTRIKU

Taqsim 1

Tnaqqis tad-Domanda

Artikolu 3

Tnaqqis tal-konsum gross tal-elettriku

L-Istati Membri jenħtieġ li jistinkaw biex jimplimentaw miżuri li jnaqqsu l-konsum gross totali tal-elettriku tagħhom fix-xahar b'10 % meta mqabbel mal-medja tal-konsum gross tal-elettriku fix-xhur korrispondenti tal-perjodu ta' referenza.

Artikolu 4

Tnaqqis fil-konsum gross tal-elettriku matul is-sigħat bl-ogħla prezz

1. Għal kull xahar, kull Stat Membru għandu jidentifika s-sigħat bl-ogħla prezz li jikkorrispondu għal minimu ta' 10 % tas-sigħat kollha tax-xahar.
2. Kull Stat Membru għandu jnaqqas il-konsum gross tal-elettriku tiegħu matul is-sigħat bl-ogħla prezz identifikati. Għal kull xahar, it-tnaqqis miksub matul is-sigħat bl-ogħla prezz identifikati għandu jilħaq mill-inqas 5 % bħala medja fis-siegħa. Il-mira ta' tnaqqis għandha tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn il-konsum gross reali tal-elettriku għas-sigħat bl-ogħla prezz identifikati u l-konsum gross tal-elettriku previst mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, mingħajr ma jitqies l-effett tal-miżuri stabbiliti biex tintlaħaq il-mira stabbilita f'dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Miżuri biex jinkiseb it-tnaqqis tad-domanda

1. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-miżuri xierqa biex inaqqsu l-konsum gross tal-elettriku ħalli jilħqu l-miri stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4. Il-miżuri għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli u għandhom, b'mod partikolari:
 - (a) ikunu bbażati fuq is-suq, b'kumpens, meta applikabbli stabbilit permezz ta' proċess kompetittiv miftuħ, inkluż offerti biex l-offerenti rebbieħa jirċievu kumpens;
 - (b) jinvolvu biss kumpens finanzjarju meta tali kumpens jitħallas għal elettriku addizzjonali mhux ikkunsmat meta mqabbel mal-konsum mistenni fis-siegħa kkonċernata mingħajr l-offerta;
 - (c) ma jfixklux bla bżonn il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-elettriku;

- (d) ma jkunux limitati bla bżonn għal kliġenti jew gruppi ta' kliġenti speċifiċi, inkluż aggregaturi, f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2019/944;
- (e) ma jwaqqfux bla bżonn il-proċess tas-sostituzzjoni tat-teknoloġiji tal-fjuwils fossili b'teknoloġiji li jużaw l-elettriku.

Taqsimha 2

Limitu massimu fuq id-dħul tas-suq u distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul lill-kliġenti finali

Artikolu 6

Limitu massimu obbligatorju fuq id-dħul tas-suq

1. Id-dħul tas-suq tal-produtturi miksub mill-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sorsi msemmija fl-Artikolu 7(1) għandu jkun limitat għal massimu ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku prodott.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu massimu jkun japplika għad-dħul kollu tas-suq tal-produtturi, irrispettivament mill-perjodu taż-żmien tas-suq meta ssir it-tranżazzjoni u minn jekk l-elettriku jiġix negozjat bilaterament jew f'suq ċentralizzat.
3. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk japplikawx il-limitu massimu fuq id-dħul fis-saldu tal-iskambju tal-enerġija jew wara.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri li jillimitaw aktar id-dħul tas-suq tal-produtturi, diment li dawn il-miżuri jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, ma jipperikolawx is-sinjali ta' investiment, jiżguraw li l-kostijiet tal-investimenti jiġu koperti, ma jfjixklux il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku bl-ingrossa, u jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 7

Applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq tal-produtturi tal-elettriku

1. L-obbligu fl-Artikolu 6 għandu japplika għad-dħul tas-suq miksub mill-bejgħ tal-elettriku ġġenerat mis-sorsi li ġejjin:
 - (a) l-enerġija mir-riħ;
 - (b) l-enerġija mix-xemx (termali solari u fotovoltajka solari);
 - (c) l-enerġija ġeotermali;
 - (d) l-idroenerġija mingħajr ġibjuni;
 - (e) il-fjuwils tal-bijomassa (fjuwils tal-bijomassa solidi jew gassużi) għajr il-bijometan;
 - (f) l-iskart;
 - (g) l-enerġija nukleari;

- (h) il-linjite;
 - (i) iż-żejt mhux raffinat u prodotti oħra taż-żejt.
2. Il-limitu massimu previst fl-Artikolu 6(1) ma għandux japplika għal proġetti ta' dimostrazzjoni jew għal produtturi li d-dħul tagħhom għal kull MWh ta' elettriku prodott ikun diġà limitat bħala riżultat ta' miżuri tal-Istat.
 3. L-Istati Membri jistgħu, b'mod partikolari meta l-applikazzjoni tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 6(1) tikkawża piż amministrattiv sinifikanti, jiddeċiedu li l-limitu massimu ma jkunx japplika għall-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku f'faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'kapaċità installata sa 20 kW.

Artikolu 8

Inċentivi għal ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli

1. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom ineħħu malajr kull xkiel amministrattiv jew tas-suq mhux ġustifikat għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli. Għandhom jieħdu miżuri biex iħaffu l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari mill-impriżi żgħar u ta' daqs medju.
2. L-Istati Membri għandhom ifasslu, jiskedaw u jimplementaw skemi ta' sostenn – u garanziji tal-orijini – b'mod li jkunu kompatibbli ma' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, jikkomplementawhom u jippermettuhom.

Artikolu 9

Distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-surplus kollu tad-dħul miksub mill-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul tas-suq jintuża biex jiffinanzja miżuri li jsostnu lill-klijenti finali tal-elettriku u li jtaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku fuq dawk il-klijenti, b'mod immirat.
2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli u ma għandhomx imorru kontra l-obbligu ta' tnaqqis tal-konsum gross tal-elettriku fl-Artikoli 3 u 4.
3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu pereżempju jinkludu:
 - (a) jingħata kumpens finanzjarju lill-klijenti finali tal-elettriku talli jnaqqsu l-konsum tal-elettriku tagħhom, inkluż bi rkantijiet tat-tnaqqis tad-domanda jew bi skemi ta' offerti;
 - (b) isiru trasferimenti diretti lill-klijenti finali tal-elettriku;
 - (c) kumpens lill-fornituri li jkollhom iwasslu l-elettriku lill-klijenti taħt il-kostijiet wara intervent mill-Istat fl-iffissar tal-prezzijiet skont l-Artikolu 12;
 - (d) jonqsu l-kostijiet għax-xiri tal-elettriku lill-klijenti finali tal-elettriku għal volum limitat tal-elettriku kkonsmat;
 - (e) jiġu promossi investimenti mill-klijenti finali tal-elettriku fit-teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni, fl-enerġija rinnovabbli u fl-efċjenza enerġetika.

Artikolu 10

Ftehimiet bejn l-Istati Membri

F'sitwazzjonijiet fejn l-importazzjonijiet netti tal-elettriku ta' Stat Membru jkunu daqs jew ogħla minn 100 %, ftehim biex jinqasam is-surplus tad-dħul għandu jiġi konkluż sal-1 ta' Diċembru 2022 bejn l-Istat Membru importatur u l-pajjiż esportatur ewlieni. L-Istati Membri kollha jistgħu, fi spirtu ta' solidarjetà, jikkonkludu tali ftehimiet.

Taqsim 3

Miżuri tal-bejgħ bl-imnut

Artikolu 11

Estensjoni temporanja għall-imprezzi żgħar u ta' daqs medju ta' interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet tal-elettriku

B'deroga mir-regoli tal-UE dwar l-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku lill-imprezzi żgħar u ta' daqs medju. Dawn l-interventi pubbliċi għandhom:

- (a) ikunu limitati għal 80 % tal-ogħla konsum annwali tal-benefiċjarju fl-aħħar ħames snin u jżommu inċentiv għal tnaqqis tad-domanda;
- (b) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(4) u (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944;
- (c) meta rilevanti, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Possibbiltà temporanja li jiġu stabbiliti prezzijiet tal-elettriku inqas mill-kost

B'deroga mir-regoli tal-UE dwar l-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet, meta japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku skont l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu b'mod eċċezzjonali u temporanju jistabbilixxu prezz għall-provvista tal-elettriku li jkun inqas mill-kost diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) Il-miżura tkopri ammont limitat ta' konsum u żżomm inċentiv għal tnaqqis tad-domanda;
- (b) Ma ssir l-ebda diskriminazzjoni bejn il-fornituri;
- (c) Il-fornituri jiġu kkompensati talli jfornu bi prezz inqas mill-kost;

- (d) Il-fornituri kollha huma eliġibbli li jipprovdu offerti bil-prezz regolat fuq l-istess bażi.

KAPITOLU III

MIŻURA LI TIKKONĊERNA S-SETTURI TAŻ-ŻEJT, TAL-FAĦAM, TAL-GASS U TAR-RAFFINERII

Artikolu 13

Sostenn lill-klijenti finali permezz ta' kontribuzzjoni temporanja obbligatorja ta' solidarjetà

1. Is-surplus tal-profitti ġġenerati minn attivitajiet fis-settur taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji għandu jkun soġġett għal kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali eżistenti jew ipplanati li jikkondividu objettivi simili bħall-kontribuzzjoni ta' solidarjetà temporanja skont dan ir-Regolament jikkonformaw jew jikkomplementaw mar-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà stabbiliti minn dan ir-Regolament.
3. Il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà obbligatorja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 14

Bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà

Il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għall-kumpaniji u l-istabbilimenti permanenti tal-UE li jwettqu attivitajiet fil-qasam tas-setturi taż-żejt, tal-gass, tal-faħam u tar-raffineriji għandha tiġi kkalkulata fuq il-profitti taxxabbli, kif determinati skont ir-regoli tat-taxxa nazzjonali fis-sena fiskali li tibda fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara, li huma iżjed minn żieda ta' 20 % tal-profitti taxxabbli medji, kif determinat skont ir-regoli tat-taxxa nazzjonali, tat-tliet snin fiskali li jibdeu fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara. Jekk ir-riżultat annwali medju mill-perjodu li jkopri t-tliet snin fiskali li jibda fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara jkun negattiv, il-profitti taxxabbli medji għandhom ikunu zero għall-iskop tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà.

Artikolu 15

Bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà

1. Ir-rata applikabbli għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għandha tkun mill-inqas 33 % tal-bażi msemmija fl-Artikolu 14.

2. Il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għandha tapplika flimkien mat-taxxi u l-imposti regolari applikabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru.

Artikolu 16

Użu tar-rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà

1. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà b'impatt tempestiv biżżejjed għall-iskopijiet li ġejjin:
- (a) għal miżuri ta' sostenn finanzjarju lill-klijenti tal-enerġija finali, u b'mod partikolari lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, sabiex jittaffew l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija, b'mod immirat;
 - (b) għal miżuri ta' sostenn finanzjarju biex jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, bħal pereżempju billi jsiru rkantijiet jew skemi ta' offerti għal tnaqqis tad-domanda, jonqsu l-kostijiet tax-xiri tal-enerġija tal-klijenti finali tal-enerġija għal ċerti volumi ta' konsum, jitħeġġu investimenti mill-klijenti finali tal-enerġija f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u jsiru investimenti strutturali fl-effiċjenza enerġetika jew f'teknoloġiji oħra tad-dekarbonizzazzjoni;
 - (c) għal miżuri ta' sostenn finanzjarju li jsostnu lill-kumpaniji tal-industriji intensivi fl-enerġija diment li dawn isiru bil-kundizzjoni li jagħmlu investimenti fl-enerġiji rinnovabbli, fl-effiċjenza enerġetika jew f'teknoloġiji oħra tad-dekarbonizzazzjoni.
 - (d) għal miżuri ta' sostenn finanzjarju ħalli tinholq l-awtonomija tal-enerġija b'mod partikolari permezz ta' investimenti skont l-oġettivi tar-REPowerEU, b'mod partikolari bi proġetti b'dimensjoni transfruntiera.
 - (e) bi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, l-assenjazzjoni mill-Istati Membri ta' sehem mir-rikavati tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà għall-finanzjament komuni ta' miżuri li jnaqqsu l-effetti dannużi tal-kriżi tal-enerġija, inkluż sostenn li jipproteġi l-impjiegi, u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, jew li jippromwovu investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli, inkluż fi proġetti transfruntieri.
2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli.

Artikolu 17

Natura temporanja tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà

Il-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà applikata mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ta' natura temporanja. Għandha tapplika biss għas-surplus tal-profitti ġġenerati fis-sena fiskali li bdiet fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Monitoraġġ u infurzar

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5, 6, 7, 9, 11 u 12 fit-territorju tagħha.
2. Kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2022, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-miżuri ppjanati meħtieġa skont l-Artikolu 5, u l-ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 10.
3. Sal-15 ta' Jannar 2023 u kull xahar minn hemm 'il quddiem sal-15 ta' April 2023, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar:
 - (a) it-tnaqqis tad-domanda miksub skont l-Artikoli 3 u 4, u l-miżuri stabbiliti biex jiksbu t-tnaqqis skont l-Artikolu 5;
 - (b) is-surplus tad-dħul iġġenerat skont l-Artikolu 6;
 - (c) il-miżuri b'rabta mad-distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul applikati biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku fuq il-klijenti finali skont l-Artikolu 9;
 - (d) kwalunkwe intervent pubbliku fl-iffissar tal-prezzijiet għall-elettriku msemmi fl-Artikoli 11 u 12;
4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar:
 - (a) l-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà skont l-Artikolu 13 sal-15 ta' Ottubru 2022;
 - (b) kull emenda sussegwenti għall-miżura msemmija fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern nazzjonali;
 - (c) l-użu tar-rikavati skont l-Artikolu 16 fi żmien xahar mill-mument tal-ġbir tar-rikavati mill-Istati Membri f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Artikolu 19

Rieżami

1. Sat-28 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-Kapitolu II fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali tal-provvista tal-elettriku u l-prezzijiet tal-elettriku fl-Unjoni u tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin ta' dak ir-rieżami. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' b'mod partikolari tipproponi, jekk ikun ġustifikat miċ-ċirkostanzi ekonomiċi jew mill-funzjonament tas-suq tal-elettriku fl-Unjoni u fi Stati Membri individwali, li jitwal il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jiġi emendat il-livell tal-limitu massimu fuq id-dħul fl-Artikolu 6(1) u l-applikazzjoni tiegħu għall-produtturi fl-Artikolu 7, jew li jiġi emendat il-Kapitolu II b'xi mod ieħor.

2. Sal-15 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-Kapitolu III fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali tas-settur tal-fjuwils fossili u tas-surplus tal-profitti ġġenerati u ttipprezenta rapport lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin ta' dak ir-rieżami.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Mingħajr preġudizzju għall-hteġa li tiġi żgurata d-distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul f'konformità mal-Artikolu 9, u li jintużaw ir-rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 16, dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sena mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-Artikoli 3, 4, 5, 6, 7, 9 u 10 għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2022. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal applikazzjoni volontarja iktar bikrija mill-Istati Membri.

L-Artikoli 3, 4, 6 u 7 għandhom japplikaw sal-31 ta' Marzu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*